Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu
Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2023/0448(COD)

16.4.2025

EMENDI
1968 - 2423

Abbozz ta' rapport
Tilly Metz, Daniel Buda
(PE770.070v01-00)

Il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati

Proposta għal regolament
(COM(2023)0770 – C9-0446/2023 – 2023/0448(COD))

Emenda 1968
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. F'każ li l-annimali ma jitħallewx jidħlu fit-territorju ta' pajjiż terz, il-kunsinna għandha tintbagħat lura lill-Istat Membru li minnu ntbagħtet il-kunsinna fi żmien 48 siegħa.

Or. en

Emenda 1969
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. F'każ li l-annimali ma jitħallewx jidħlu fit-territorju ta' pajjiż terz, il-kunsinna għandha tiġi rritornata lill-Istat Membru li minnu ntbagħtet fi żmien 48 siegħa.

Or. en

Emenda 1970
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Biex jiġi ggarantit il-benesseri tal-annimali, it-trasport tar-ruminanti, tal-ħnieżer, tal-pollam u tal-fniek lejn żoni ta' gwerra b'sitwazzjonijiet politiċi mhux siguri, u pajjiżi mhux tal-UE bi status ta'

	mard tal-annimali infettiv, għandu jiġi pprojbit mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
	Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat, f'konformità mal-Artikolu 48, li jistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi li lejhom it-trasport tal-annimali ħajjin għar-raġunijiet imsemmija qabel għandu jiġi pprojbit.

Or. en

Emenda 1971
Flavio Tosi, Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1972
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-organizzatur għandu jorganizza*** korp taċ-ċertifikazzjoni sabiex jevalwa l-ewwel vjaġġ lejn post tad-destinazzjoni f'pajjiż terz organizzat mill-organizzatur.	1. ***Awtorità ċentrali tal-UE għandha torganizza*** korp taċ-ċertifikazzjoni sabiex jevalwa l-ewwel vjaġġ lejn post tad-destinazzjoni f'pajjiż terz organizzat mill-organizzatur.

Or. en

Emenda 1973
Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-organizzatur għandu jorganizza*** korp taċ-ċertifikazzjoni sabiex jevalwa l-ewwel vjaġġ lejn post tad-destinazzjoni f'pajjiż terz organizzat mill-organizzatur.	1. ***It-trasportaturi għandhom jorganizzaw*** korp taċ-ċertifikazzjoni sabiex jevalwa l-ewwel vjaġġ lejn post tad-destinazzjoni f'pajjiż terz organizzat mill-organizzatur.

Or. en

Emenda 1974
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-organizzatur għandu jorganizza korp taċ-ċertifikazzjoni sabiex jevalwa ***l-ewwel vjaġġ*** lejn post tad-destinazzjoni f'pajjiż terz organizzat mill-organizzatur.	1. L-organizzatur għandu jorganizza korp taċ-ċertifikazzjoni sabiex jevalwa ***l-vjaġġ*** lejn post tad-destinazzjoni f'pajjiż terz organizzat mill-organizzatur.

Or. en

Emenda 1975
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jevalwa jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin ġewx issodisfati matul ***l-ewwel vjaġġ*** imsemmi fil-paragrafu 1:	2. Il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jevalwa jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin ġewx issodisfati matul ***il-vjaġġ*** imsemmi fil-paragrafu 1:

Or. en

Emenda 1976
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jevalwa jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin ġewx issodisfati matul ***l-ewwel vjaġġ*** imsemmi fil-paragrafu 1:	2. Il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jevalwa jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin ġewx issodisfati matul ***il-vjaġġ*** imsemmi fil-paragrafu 1:

Or. en

Emenda 1977
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-ħinijiet massimi tal-vjaġġ, ***il-kundizzjonijiet speċjali għat-trasport f'temperaturi estremi***, u l-perjodi ta' mistrieħ stabbiliti minn dan ir-Regolament iseħħu kif iddikjarat fil-ġurnal tal-vjaġġ;	(b) il-ħinijiet massimi tal-vjaġġ, ***il-limiti tat-temperatura***, u l-perjodi ta' mistrieħ stabbiliti minn dan ir-Regolament iseħħu kif iddikjarat fil-ġurnal tal-vjaġġ;

Or. en

Emenda 1978
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-ħinijiet massimi tal-vjaġġ***, il-kundizzjonijiet speċjali għat-trasport f'temperaturi estremi,*** u l-perjodi ta' mistrieħ stabbiliti minn dan ir-Regolament	(b) il-ħinijiet massimi tal-vjaġġ u l-perjodi ta' mistrieħ stabbiliti minn dan ir-Regolament iseħħu kif iddikjarat fil-ġurnal tal-vjaġġ;

iseħħu kif iddikjarat fil-ġurnal tal-vjaġġ;

Or. en

Emenda 1979
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-ħinijiet massimi tal-vjaġġ***, il-kundizzjonijiet speċjali għat-trasport f'temperaturi estremi,*** u l-perjodi ta' mistrieħ stabbiliti minn dan ir-Regolament iseħħu kif iddikjarat fil-ġurnal tal-vjaġġ;	(b) il-ħinijiet massimi tal-vjaġġ u l-perjodi ta' mistrieħ stabbiliti minn dan ir-Regolament iseħħu kif iddikjarat fil-ġurnal tal-vjaġġ;

Or. en

Emenda 1980
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-ħinijiet massimi tal-vjaġġ, ***il-kundizzjonijiet speċjali għat-trasport f'temperaturi estremi***, u l-perjodi ta' mistrieħ stabbiliti minn dan ir-Regolament iseħħu kif iddikjarat fil-ġurnal tal-vjaġġ;	(b) il-ħinijiet massimi tal-vjaġġ, ***il-limiti tat-temperaturi***, u l-perjodi ta' mistrieħ stabbiliti minn dan ir-Regolament iseħħu kif iddikjarat fil-ġurnal tal-vjaġġ;

Or. en

Emenda 1981
Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-allokazzjonijiet tal-ispazju jikkonformaw mal-Kapitolu VII tal-Anness I;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex jiġu riflessi l-istandards tal-benesseri eżistenti u tinżamm il-flessibbiltà fl-implimentazzjoni, tista' terġa' titqies iż-żieda proposta fl-allokazzjonijiet tal-ispazju. Tista' tinżamm klawżola ġenerali, kif rifless fir-rakkomandazzjonijiet tal-EFSA: l-annimali jeħtiġilhom jiġu ttrasportati taħt kundizzjonijiet li jevitaw kwalunkwe riskju ta' tbatija bla bżonn u jiżguraw biżżejjed kumditá, nutrizzjoni, idratazzjoni u serħan.

Emenda 1982
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-annimali jibqgħu fil-post tad-destinazzjoni ddikjarat tal-anqas 7 ijiem jew jiġu skarnati;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1983
Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-annimali jibqgħu fil-post tad-destinazzjoni ddikjarat tal-anqas 7 ijiem jew jiġu skarnati;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1984
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-annimali jibqgħu fil-post tad-destinazzjoni ddikjarat tal-anqas ***7 ijiem*** jew jiġu skarnati;	(d) l-annimali jibqgħu fil-post tad-destinazzjoni ddikjarat tal-anqas ***4 ġimgħat*** jew jiġu skarnati;

Or. en

Emenda 1985
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-annimali jibqgħu fil-post tad-destinazzjoni ddikjarat tal-anqas ***7 ijiem jew jiġu skarnati***;	(d) l-annimali jibqgħu fil-post tad-destinazzjoni ddikjarat tal-anqas ***4 ġimgħat*** jew jiġu skarnati;

Or. en

Emenda 1986
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-annimali jibqgħu fil-post tad-destinazzjoni ddikjarat tal-anqas 7 ijiem jew jiġu skarnati;	(d) l-annimali jibqgħu fil-post tad-destinazzjoni ddikjarat tal-anqas 7 ijiem ***f'kundizzjonijiet li jissodisfaw l-istandards minimi tal-benessri*** jew jiġu skarnati;

Or. el

Emenda 1987
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-annimali jibqgħu fil-post tad-destinazzjoni ddikjarat tal-anqas ***7 ijiem*** jew jiġu skarnati;	(d) l-annimali jibqgħu fil-post tad-destinazzjoni ddikjarat tal-anqas ***48 siegħa*** jew jiġu skarnati;

Or. en

Emenda 1988
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-annimali jibqgħu fil-post tad-destinazzjoni ddikjarat tal-anqas ***7 ijiem*** jew jiġu skarnati;	(d) l-annimali jibqgħu fil-post tad-destinazzjoni ddikjarat tal-anqas ***48 siegħa*** jew jiġu skarnati;

Or. fr

Emenda 1989
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Krzysztof Hetman, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-annimali jibqgħu fil-post tad-destinazzjoni ddikjarat tal-anqas ***7 ijiem***	(d) l-annimali jibqgħu fil-post tad-destinazzjoni ddikjarat tal-anqas ***24 siegħa***

jew jiġu skarnati;	jew jiġu skarnati;

Or. en

Emenda 1990
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-annimali jibqgħu fil-post tad-destinazzjoni ddikjarat tal-anqas ***7 ijiem*** jew jiġu skarnati;	(d) l-annimali jibqgħu fil-post tad-destinazzjoni ddikjarat tal-anqas ***24 siegħa*** jew jiġu skarnati;

Or. en

Emenda 1991
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-annimali jibqgħu fil-post tad-destinazzjoni ddikjarat tal-anqas ***7 ijiem*** jew jiġu skarnati;	(d) l-annimali jibqgħu fil-post tad-destinazzjoni ddikjarat tal-anqas ***12-il siegħa*** jew jiġu skarnati;

Or. fr

Emenda 1992
Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-annimali jibqgħu fil-post tad-destinazzjoni ddikjarat ***tal-anqas 7 ijiem*** jew jiġu skarnati;	(d) l-annimali jibqgħu fil-post tad-destinazzjoni ddikjarat jew jiġu skarnati;

Or. ro

Emenda 1993
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) jekk rilevanti, il-postijiet ta' kontroll użati huma elenkati kif imsemmi fl-Artikolu 34(3);	(h) jekk rilevanti, il-postijiet ta' kontroll ***u l-punti ta' mistrieħ*** użati huma elenkati kif imsemmi fl-Artikolu 34(3);

Or. en

Emenda 1994
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu joħroġ ċertifikat għat-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi lill-organizzatur. Iċ-ċertifikat għandu jkun validu ***għal 5 snin***.	3. Jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu joħroġ ċertifikat għat-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi lill-organizzatur. Iċ-ċertifikat għandu jkun validu ***għad-durata tal-perjodu tranżitorju ta' massimu ta' 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, f'konformità mal-Artikolu 59***.

Or. en

Emenda 1995
Milan Mazurek

Proposta għal regolament

Artikolu 33 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu joħroġ ċertifikat għat-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi lill-organizzatur. Iċ-ċertifikat għandu jkun validu għal ***5*** snin.	3. Jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu joħroġ ċertifikat għat-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi lill-organizzatur. Iċ-ċertifikat għandu jkun validu għal ***10*** snin.

Or. sk

Emenda 1996
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu joħroġ ċertifikat għat-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi lill-organizzatur. Iċ-ċertifikat għandu jkun validu għal ***5*** snin.	3. Jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu joħroġ ċertifikat għat-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi lill-organizzatur. Iċ-ċertifikat għandu jkun validu għal ***10*** snin.

Or. en

Emenda 1997
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Krzysztof Hetman, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu joħroġ	3. Jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu joħroġ

ċertifikat għat-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi lill-organizzatur. Iċ-ċertifikat għandu jkun validu għal ***5*** snin.	ċertifikat għat-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi lill-organizzatur. Iċ-ċertifikat għandu jkun validu għal *7* snin.

Or. en

Emenda 1998
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu joħroġ ċertifikat għat-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi lill-organizzatur. Iċ-ċertifikat għandu jkun validu għal ***5*** snin.	3. Jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu joħroġ ċertifikat għat-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi lill-organizzatur. Iċ-ċertifikat għandu jkun validu għal *7* snin.

Or. en

Emenda 1999
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu joħroġ ċertifikat għat-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi lill-organizzatur. Iċ-ċertifikat għandu jkun validu għal ***5*** snin.	3. Jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu joħroġ ċertifikat għat-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi lill-organizzatur. Iċ-ċertifikat għandu jkun validu għal ***3*** snin.

Or. en

Emenda 2000
Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-awtoritajiet kompetenti ***għandhom*** jirreġistraw organizzaturi ċċertifikati fi TRACES.	5. L-awtoritajiet kompetenti ***jistgħu*** jirreġistraw organizzaturi ċċertifikati fi TRACES.

Or. en

Emenda 2001
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirreġistraw organizzaturi ċċertifikati fi TRACES.	5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirreġistraw organizzaturi ċċertifikati fi TRACES ***jew fi kwalunkwe sistema diġitali nazzjonali oħra li hija interoperabbli ma' TRACES***.

Or. en

Emenda 2002
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirreġistraw organizzaturi ċċertifikati fi TRACES.	5. ***Kull meta jsir trasport ta' annimali bejn pajjiżi differenti,*** l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirreġistraw organizzaturi ċċertifikati fi TRACES.

Or. es

Emenda 2003
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ma jiġux issodisfati, il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jinforma lill-organizzatur u lill-awtorità kompetenti, li għandhom jissospendu l-awtorizzazzjoni tal-organizzatur għat-trasport lejn pajjiżi terzi f'konformità mal-Artikolu 6(4).	6. Jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ma jiġux issodisfati, il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jinforma lill-organizzatur u lill-awtorità kompetenti, li għandhom jissospendu l-awtorizzazzjoni tal-organizzatur għat-trasport lejn pajjiżi terzi f'konformità mal-Artikolu 6(4)***, mingħajr dewmien***.

Or. en

Emenda 2004
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni għandhom iwettqu tal-anqas ***żewġ*** evalwazzjonijiet mhux imħabbrin ta' vjaġġi mwettqin mill-organizzatur fi żmien 5 snin mill-validità taċ-ċertifikat, sabiex jivverifikaw il-konformità mal-kundizzjonijiet elenkati fil-paragrafu 2.	7. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni għandhom iwettqu tal-anqas ***tliet*** evalwazzjonijiet mhux imħabbrin ta' vjaġġi mwettqin mill-organizzatur fi żmien 5 snin mill-validità taċ-ċertifikat, ***li minnhom waħda għandha ssir matul ix-xhur tas-sajf, meta r-riskji għall-benessri jkunu ogħla,*** sabiex jivverifikaw il-konformità mal-kundizzjonijiet elenkati fil-paragrafu 2.

Or. el

Emenda 2005

Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni għandhom iwettqu tal-anqas żewġ evalwazzjonijiet mhux imħabbrin ta' vjaġġi mwettqin mill-organizzatur ***fi żmien 5 snin mill-validità taċ-ċertifikat***, sabiex jivverifikaw il-konformità mal-kundizzjonijiet elenkati fil-paragrafu 2.	7. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni għandhom iwettqu tal-anqas żewġ evalwazzjonijiet mhux imħabbrin ta' vjaġġi mwettqin mill-organizzatur ***matul il-perjodu ta' tranżizzjoni ta' 18-il sena mid-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***, sabiex jivverifikaw il-konformità mal-kundizzjonijiet elenkati fil-paragrafu 2.

Or. en

Emenda 2006
Milan Mazurek

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni għandhom iwettqu tal-anqas żewġ evalwazzjonijiet mhux imħabbrin ta' vjaġġi mwettqin mill-organizzatur fi żmien ***5*** snin mill-validità taċ-ċertifikat, sabiex jivverifikaw il-konformità mal-kundizzjonijiet elenkati fil-paragrafu 2.	7. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni għandhom iwettqu tal-anqas żewġ evalwazzjonijiet mhux imħabbrin ta' vjaġġi mwettqin mill-organizzatur fi żmien ***10*** snin mill-validità taċ-ċertifikat, sabiex jivverifikaw il-konformità mal-kundizzjonijiet elenkati fil-paragrafu 2.

Or. sk

Emenda 2007
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni għandhom iwettqu tal-anqas ***żewġ*** evalwazzjonijiet mhux imħabbrin ta' vjaġġi mwettqin mill-organizzatur fi żmien ***5*** snin mill-validità taċ-ċertifikat, sabiex jivverifikaw il-konformità mal-kundizzjonijiet elenkati fil-paragrafu 2.	7. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni għandhom iwettqu tal-anqas ***tliet*** evalwazzjonijiet mhux imħabbrin ta' vjaġġi mwettqin mill-organizzatur fi żmien ***3*** snin mill-validità taċ-ċertifikat, sabiex jivverifikaw il-konformità mal-kundizzjonijiet elenkati fil-paragrafu 2.

Or. en

Emenda 2008
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni għandhom iwettqu tal-anqas żewġ evalwazzjonijiet mhux imħabbrin ta' vjaġġi mwettqin mill-organizzatur fi żmien ***5*** snin mill-validità taċ-ċertifikat, sabiex jivverifikaw il-konformità mal-kundizzjonijiet elenkati fil-paragrafu 2.	7. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni għandhom iwettqu tal-anqas żewġ evalwazzjonijiet mhux imħabbrin ta' vjaġġi mwettqin mill-organizzatur fi żmien ***3*** snin mill-validità taċ-ċertifikat, sabiex jivverifikaw il-konformità mal-kundizzjonijiet elenkati fil-paragrafu 2.

Or. en

Emenda 2009
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Krzysztof Hetman, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni għandhom iwettqu tal-anqas żewġ evalwazzjonijiet mhux imħabbrin ta' vjaġġi mwettqin mill-organizzatur fi żmien	7. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni għandhom iwettqu tal-anqas żewġ evalwazzjonijiet mhux imħabbrin ta' vjaġġi mwettqin mill-organizzatur fi żmien

5 snin mill-validità taċ-ċertifikat, sabiex jivverifikaw il-konformità mal-kundizzjonijiet elenkati fil-paragrafu 2.	***7*** snin mill-validità taċ-ċertifikat, sabiex jivverifikaw il-konformità mal-kundizzjonijiet elenkati fil-paragrafu 2.

Or. en

Emenda 2010
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni għandhom iwettqu tal-anqas żewġ evalwazzjonijiet mhux imħabbrin ta' vjaġġi mwettqin mill-organizzatur fi żmien ***5*** snin mill-validità taċ-ċertifikat, sabiex jivverifikaw il-konformità mal-kundizzjonijiet elenkati fil-paragrafu 2.	7. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni għandhom iwettqu tal-anqas żewġ evalwazzjonijiet mhux imħabbrin ta' vjaġġi mwettqin mill-organizzatur fi żmien ***7*** snin mill-validità taċ-ċertifikat, sabiex jivverifikaw il-konformità mal-kundizzjonijiet elenkati fil-paragrafu 2.

Or. en

Emenda 2011
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 7a (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jevalwa l-kundizzjonijiet skont il-kriterji tar-riskju, bħat-tul tal-vjaġġ, il-mezzi tat-trasport jew it-tip ta' annimali involuti. Għandu jiġi stabbilit ftehim multilaterali biex jiġi adottat mudell armonizzat ta' standards li jiġu evalwati mill-korp nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni, skont dak li huwa indikat fl-Anness VI. Il-kriterji u l-istandards armonizzati jiġu aċċettati għal evalwazzjoni mill-korpi nazzjonali ta'

ċertifikazzjoni.

Or. es

Emenda 2012
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jibgħat ir-rapporti tal-evalwazzjonijiet mhux imħabbrin lill-organizzatur u lill-awtorità kompetenti u jinnotifikahom b'nuqqasijiet serji ta' konformità wara spezzjonijiet mhux imħabbrin. F'każijiet bħal dawn, l-awtorità kompetenti għandha tissospendi l-awtorizzazzjoni tal-organizzatur għat-trasport lejn pajjiżi terzi f'konformità mal-Artikolu 6(4). Dawn l-evalwazzjonijiet mhux imħabbrin għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-kontrolli uffiċjali mwettqin skont ir-Regolament (UE) 2017/625.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 2013
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jibgħat ir-rapporti tal-evalwazzjonijiet mhux imħabbrin lill-organizzatur u lill-awtorità kompetenti u jinnotifikahom b'nuqqasijiet ***serji*** ta' konformità wara spezzjonijiet mhux imħabbrin. F'każijiet bħal dawn, l-awtorità kompetenti għandha tissospendi l-awtorizzazzjoni tal-	8. Il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jibgħat ir-rapporti tal-evalwazzjonijiet mhux imħabbrin lill-organizzatur***, lill-awtorità ċentrali tal-UE*** u lill-awtorità kompetenti ***fl-Istati Membri*** u jinnotifikahom b'nuqqasijiet ta' konformità wara spezzjonijiet mhux imħabbrin. F'każijiet bħal dawn, l-awtorità kompetenti

organizzatur għat-trasport lejn pajjiżi terzi f'konformità mal-Artikolu 6(4). Dawn l-evalwazzjonijiet mhux imħabbrin għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-kontrolli uffiċjali mwettqin skont ir-Regolament (UE) 2017/625.	għandha tissospendi ***immedjatament*** l-awtorizzazzjoni tal-organizzatur għat-trasport lejn pajjiżi terzi f'konformità mal-Artikolu 6(4). Dawn l-evalwazzjonijiet mhux imħabbrin għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-kontrolli uffiċjali mwettqin skont ir-Regolament (UE) 2017/625.

Or. en

Emenda 2014
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49 sabiex tistabbilixxi ulterjorment l-elementi li għandhom jiġu vverifikati mill-evalwazzjonijiet u l-frekwenza tal-evalwazzjonijiet.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 2015
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49 sabiex tistabbilixxi ulterjorment l-elementi li għandhom jiġu vverifikati mill-evalwazzjonijiet u l-frekwenza tal-	***imħassar***

evalwazzjonijiet.

Or. en

Emenda 2016
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Il-Kummissjoni ***għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49 sabiex tistabbilixxi ulterjorment*** l-elementi li għandhom jiġu vverifikati mill-evalwazzjonijiet u l-frekwenza tal-evalwazzjonijiet.	9. Il-Kummissjoni ***tista' tirrakkomanda lill-Istati Membri*** l-elementi li għandhom jiġu vverifikati mill-evalwazzjonijiet u l-frekwenza tal-evalwazzjonijiet.

Or. en

Emenda 2017
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***ta' implimentazzjoni*** f'konformità mal-Artikolu ***49*** sabiex tistabbilixxi ulterjorment l-elementi li għandhom jiġu vverifikati mill-evalwazzjonijiet u l-frekwenza tal-evalwazzjonijiet.	9. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***delegati*** f'konformità mal-Artikolu ***48*** sabiex tistabbilixxi ulterjorment l-elementi li għandhom jiġu vverifikati mill-evalwazzjonijiet u l-frekwenza tal-evalwazzjonijiet.

Or. en

Emenda 2018
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49 sabiex tistabbilixxi ulterjorment l-elementi li għandhom jiġu vverifikati mill-evalwazzjonijiet u l-frekwenza tal-evalwazzjonijiet.	9. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49 sabiex tistabbilixxi ulterjorment l-elementi li għandhom jiġu vverifikati mill-evalwazzjonijiet***, il-klassifikazzjoni tal-ksur (minuri, maġġuri jew serji ħafna), il-kriterji għall-evalwazzjoni tan-nuqqasijiet ta' konformità*** u l-frekwenza tal-evalwazzjonijiet.

Or. es

Emenda 2019
Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9a. Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli III, IV, V u VI ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw skont l-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali li jakkumpanja l-kunsinni minn pajjiżi terzi jrid ikun issupplimentat b'ċertifikat li jikkonferma li l-kundizzjonijiet applikati huma tal-inqas ekwivalenti għal dawk previsti fil-Kapitoli III, IV, V u VI ta' dan ir-Regolament.

Or. fr

Emenda 2020
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 34	***imħassar***
Postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi	
1. Il-perjodi ta' mistrieħ għall-annimali f'pajjiżi terzi għandhom isiru biss f'postijiet ta' kontroll li jissodisfaw rekwiżiti tal-anqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97 u li huma inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 3.	
2. Il-postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi għandhom jiġu inklużi biss fil-lista prevista fil-paragrafu 3 jekk ikunu ċċertifikati minn korp ta' ċertifikazzjoni bħala li jkollhom il-mezzi sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97. L-operatur tal-post ta' kontroll jew l-organizzatur jista' jitlob lill-Kummissjoni tinkludi l-post ta' kontroll fil-lista msemmija fil-paragrafu 3.	
3. Il-Kummissjoni għandha tapprova, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49, lista ta' postijiet ta' kontroll li jissodisfaw l-istandards li huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97. Din il-lista għandha tkun disponibbli fi TRACES.	
4. Il-Kummissjoni għandha tneħħi post ta' kontroll mil-lista msemmija fil-paragrafu 3 meta, wara evalwazzjoni mill-korp ta' ċertifikazzjoni jew wara awditu mill-Kummissjoni, ikun hemm evidenza li l-post ta' kontroll ma għadux jissodisfa standards ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97. Għandha tkun tapplika l-proċedura msemmija fl-Artikolu 49.	

Or. fr

Emenda 2021
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Artikolu 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 34	***imħassar***
Postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi	
1. Il-perjodi ta' mistrieħ għall-annimali f'pajjiżi terzi għandhom isiru biss f'postijiet ta' kontroll li jissodisfaw rekwiżiti tal-anqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97 u li huma inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 3.	
2. Il-postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi għandhom jiġu inklużi biss fil-lista prevista fil-paragrafu 3 jekk ikunu ċċertifikati minn korp ta' ċertifikazzjoni bħala li jkollhom il-mezzi sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97. Iċ-ċertifikat għandu jkun validu għal 5 snin. L-operatur tal-post ta' kontroll jew l-organizzatur jista' jitlob lill-Kummissjoni tinkludi l-post ta' kontroll fil-lista msemmija fil-paragrafu 3.	
3. Il-Kummissjoni għandha tapprova, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49, lista ta' postijiet ta' kontroll li jissodisfaw l-istandards li huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97. Din il-lista għandha tkun disponibbli fi TRACES.	
4. Il-Kummissjoni għandha tneħħi post ta' kontroll mil-lista msemmija fil-paragrafu 3 meta, wara evalwazzjoni mill-korp ta' ċertifikazzjoni jew wara awditu mill-Kummissjoni, ikun hemm evidenza li l-post ta' kontroll ma għadux jissodisfa standards ekwivalenti għal dawk stabbiliti	

fir-Regolament (KE) Nru 1255/97. Għandha tkun tapplika l-proċedura msemmija fl-Artikolu 49.

Or. en

Emenda 2022
Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Artikolu 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 34	***imħassar***
Postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi	
1. Il-perjodi ta' mistrieħ għall-annimali f'pajjiżi terzi għandhom isiru biss f'postijiet ta' kontroll li jissodisfaw rekwiżiti tal-anqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97 u li huma inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 3.	
2. Il-postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi għandhom jiġu inklużi biss fil-lista prevista fil-paragrafu 3 jekk ikunu ċċertifikati minn korp ta' ċertifikazzjoni bħala li jkollhom il-mezzi sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97. Iċ-ċertifikat għandu jkun validu għal 5 snin. L-operatur tal-post ta' kontroll jew l-organizzatur jista' jitlob lill-Kummissjoni tinkludi l-post ta' kontroll fil-lista msemmija fil-paragrafu 3.	
3. Il-Kummissjoni għandha tapprova, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49, lista ta' postijiet ta' kontroll li jissodisfaw l-istandards li huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97. Din il-lista għandha tkun disponibbli fi TRACES.	
4. Il-Kummissjoni għandha tneħħi post ta' kontroll mil-lista msemmija fil-	

paragrafu 3 meta, wara evalwazzjoni mill-korp ta' ċertifikazzjoni jew wara awditu mill-Kummissjoni, ikun hemm evidenza li l-post ta' kontroll ma għadux jissodisfa standards ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97. Għandha tkun tapplika l-proċedura msemmija fl-Artikolu 49.

Or. en

Emenda 2023
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-perjodi ta' mistrieħ għall-annimali f'pajjiżi terzi għandhom isiru biss f'postijiet ta' kontroll li jissodisfaw rekwiżiti tal-anqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97 u li huma inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 3.	1. Il-perjodi ta' mistrieħ għall-annimali f'pajjiżi terzi għandhom isiru biss f'postijiet ta' kontroll li jissodisfaw rekwiżiti tal-anqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97 u li huma inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 3***, u dawk il-postijiet ta' kontroll għandhom ikunu soġġetti għal rivalutazzjoni kważi kull sentejn***.

Or. el

Emenda 2024
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-perjodi ta' mistrieħ għall-annimali f'pajjiżi terzi għandhom isiru biss f'postijiet ta' kontroll li jissodisfaw rekwiżiti ***tal-anqas ekwivalenti għal*** dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97 u li huma inklużi fil-lista msemmija fil-	1 Il-perjodi ta' mistrieħ għall-annimali f'pajjiżi terzi għandhom isiru biss f'postijiet ta' kontroll li jissodisfaw ***l-istess*** rekwiżiti ***bħal*** dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97 u li huma inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 3.

paragrafu 3.

Or. es

Emenda 2025
Milan Mazurek

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi għandhom jiġu inklużi biss fil-lista prevista fil-paragrafu 3 jekk ikunu ċċertifikati minn korp ta' ċertifikazzjoni bħala li jkollhom il-mezzi sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97. Iċ-ċertifikat għandu jkun validu għal ***5*** snin. L-operatur tal-post ta' kontroll jew l-organizzatur jista' jitlob lill-Kummissjoni tinkludi l-post ta' kontroll fil-lista msemmija fil-paragrafu 3.	2. Il-postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi għandhom jiġu inklużi biss fil-lista prevista fil-paragrafu 3 jekk ikunu ċċertifikati minn korp ta' ċertifikazzjoni bħala li jkollhom il-mezzi sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97. Iċ-ċertifikat għandu jkun validu għal ***10*** snin. L-operatur tal-post ta' kontroll jew l-organizzatur jista' jitlob lill-Kummissjoni tinkludi l-post ta' kontroll fil-lista msemmija fil-paragrafu 3.

Or. sk

Emenda 2026
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi għandhom jiġu inklużi biss fil-lista prevista fil-paragrafu 3 jekk ikunu ċċertifikati minn korp ta' ċertifikazzjoni bħala li jkollhom il-mezzi sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97. Iċ-ċertifikat għandu jkun validu ***għal 5 snin***. L-operatur tal-post ta' kontroll jew l-organizzatur jista' jitlob lill-Kummissjoni	2. Il-postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi għandhom jiġu inklużi biss fil-lista prevista fil-paragrafu 3 jekk ikunu ċċertifikati minn korp ta' ċertifikazzjoni bħala li jkollhom il-mezzi sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97. Iċ-ċertifikat għandu jkun validu għal ***sena***. L-operatur tal-post ta' kontroll jew l-organizzatur jista' jitlob lill-Kummissjoni

tinkludi l-post ta' kontroll fil-lista msemmija fil-paragrafu 3.	tinkludi l-post ta' kontroll fil-lista msemmija fil-paragrafu 3.

Or. en

Emenda 2027
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Krzysztof Hetman, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi għandhom jiġu inklużi biss fil-lista prevista fil-paragrafu 3 jekk ikunu ċċertifikati minn korp ta' ċertifikazzjoni bħala li jkollhom il-mezzi sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97. Iċ-ċertifikat għandu jkun validu għal ***5*** snin. L-operatur tal-post ta' kontroll jew l-organizzatur jista' jitlob lill-Kummissjoni tinkludi l-post ta' kontroll fil-lista msemmija fil-paragrafu 3.	2. Il-postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi għandhom jiġu inklużi biss fil-lista prevista fil-paragrafu 3 jekk ikunu ċċertifikati minn korp ta' ċertifikazzjoni bħala li jkollhom il-mezzi sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97. Iċ-ċertifikat għandu jkun validu għal ***7*** snin. L-operatur tal-post ta' kontroll jew l-organizzatur jista' jitlob lill-Kummissjoni tinkludi l-post ta' kontroll fil-lista msemmija fil-paragrafu 3.

Or. en

Emenda 2028
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi għandhom jiġu inklużi biss fil-lista prevista fil-paragrafu 3 jekk ikunu ċċertifikati minn korp ta' ċertifikazzjoni bħala li jkollhom il-mezzi sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97. Iċ-ċertifikat għandu jkun validu għal ***5*** snin.	2. Il-postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi għandhom jiġu inklużi biss fil-lista prevista fil-paragrafu 3 jekk ikunu ċċertifikati minn korp ta' ċertifikazzjoni bħala li jkollhom il-mezzi sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97. Iċ-ċertifikat għandu jkun validu għal ***3*** snin.

L-operatur tal-post ta’ kontroll jew l-organizzatur jista’ jitlob lill-Kummissjoni tinkludi l-post ta’ kontroll fil-lista msemmija fil-paragrafu 3.	L-operatur tal-post ta’ kontroll jew l-organizzatur jista’ jitlob lill-Kummissjoni tinkludi l-post ta’ kontroll fil-lista msemmija fil-paragrafu 3.

Or. en

Emenda 2029
Tilly Metz, Thomas Waitz
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-postijiet ta’ kontroll f’pajjiżi terzi għandhom jiġu inklużi biss fil-lista prevista fil-paragrafu 3 jekk ikunu ċċertifikati minn korp ta’ ċertifikazzjoni bħala li jkollhom il-mezzi sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97. Iċ-ċertifikat għandu jkun validu għal ***5*** snin. L-operatur tal-post ta’ kontroll jew l-organizzatur jista’ jitlob lill-Kummissjoni tinkludi l-post ta’ kontroll fil-lista msemmija fil-paragrafu 3.	2. Il-postijiet ta’ kontroll f’pajjiżi terzi għandhom jiġu inklużi biss fil-lista prevista fil-paragrafu 3 jekk ikunu ċċertifikati minn korp ta’ ċertifikazzjoni bħala li jkollhom il-mezzi sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97. Iċ-ċertifikat għandu jkun validu għal ***3*** snin. L-operatur tal-post ta’ kontroll jew l-organizzatur jista’ jitlob lill-Kummissjoni tinkludi l-post ta’ kontroll fil-lista msemmija fil-paragrafu 3.

Or. en

Emenda 2030
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tapprova, permezz ta’ atti ***ta’ implimentazzjoni*** f’konformità mal-Artikolu ***49***, lista ta’ postijiet ta’ kontroll li jissodisfaw l-	3. Il-Kummissjoni għandha tapprova, permezz ta’ atti ***delegati*** f’konformità mal-Artikolu ***48***, lista ta’ postijiet ta’ kontroll li jissodisfaw l-istandards li huma

istandards li huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97. Din il-lista għandha tkun disponibbli fi TRACES.	ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97. Din il-lista għandha tkun disponibbli fi TRACES ***jew fis-sistema diġitali nazzjonali korrispondenti li hija interoperabbli ma' TRACES***.

Or. en

Emenda 2031
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tapprova, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49, lista ta' postijiet ta' kontroll li jissodisfaw l-istandards li huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97. Din il-lista għandha tkun disponibbli fi TRACES.	3. Il-Kummissjoni għandha tapprova, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49, lista ta' postijiet ta' kontroll li jissodisfaw l-istandards li huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97. Din il-lista għandha tkun disponibbli fi TRACES ***u ppubblikata online u aġġornata regolarment fuq paġna web apposta tal-Kummissjoni***.

Or. en

Emenda 2032
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tapprova, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49, lista ta' postijiet ta' kontroll li jissodisfaw l-istandards li huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru	3. Il-Kummissjoni għandha tapprova, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49, lista ta' postijiet ta' kontroll li jissodisfaw l-istandards li huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru

1255/97. Din il-lista għandha tkun disponibbli fi TRACES.	1255/97. Din il-lista għandha tkun disponibbli fi TRACES ***u aċċessibbli online għall-pubbliku ġenerali permezz ta' paġna web apposta***.

Or. en

Emenda 2033
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tapprova, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49, lista ta' postijiet ta' kontroll li jissodisfaw l-istandards li huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97. Din il-lista għandha tkun disponibbli fi TRACES.	3. Il-Kummissjoni għandha tapprova, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49, lista ta' postijiet ta' kontroll li jissodisfaw l-istandards li huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1255/97. Din il-lista għandha tkun disponibbli fi TRACES ***u tkun disponibbli pubblikament online fuq paġna web apposta tal-Kummissjoni***.

Or. en

Emenda 2034
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tneħħi post ta' kontroll mil-lista msemmija fil-paragrafu 3 meta, wara evalwazzjoni mill-korp ta' ċertifikazzjoni jew wara awditu mill-Kummissjoni, ikun hemm evidenza li l-post ta' kontroll ma għadux jissodisfa standards ekwivalenti għal dawk stabbiliti	4. Il-Kummissjoni għandha tneħħi post ta' kontroll mil-lista msemmija fil-paragrafu 3 meta, wara evalwazzjoni mill-korp ta' ċertifikazzjoni jew wara awditu mill-Kummissjoni, ikun hemm evidenza li l-post ta' kontroll ma għadux jissodisfa standards ekwivalenti għal dawk stabbiliti

fir-Regolament (KE) Nru 1255/97. Għandha tkun tapplika l-proċedura msemmija fl-Artikolu ***49***.	fir-Regolament (KE) Nru 1255/97. Għandha tkun tapplika l-proċedura msemmija fl-Artikolu ***48***.

Or. en

Emenda 2035
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 34a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 34a
	Tranżizzjoni għal kummerċ tal-laħam u tal-karkassi u perjodu ta' eliminazzjoni gradwali għat-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi
	Sal-1 ta' Jannar 2033, l-operaturi ekonomiċi għandhom jiġu pprojbiti milli jittrasportaw annimali lejn pajjiżi terzi fi vjaġġi itwal minn 8 sigħat, ikun x'ikun il-mezz tat-trasport.

Or. en

Emenda 2036
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 34c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 34c
	Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-bidla lejn il-kummerċ tal-Laħam u l-Karkassi
	Sal-2030 il-Kummissjoni għandha tadotta Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-bidla lejn il-kummerċ tal-Laħam u l-Karkassi, biex

tissostitwixxi l-vjaġġi twal għall-iskarnar, tinċentivizza l-kummerċ tal-laħam, tal-karkassi u tal-materjal ġenetiku, inkluż għall-annimali akkwatiċi, u ssaħħaħ ktajjen tal-provvista qosra. Il-Pjan ta' Azzjoni għandu jipprevedi perjodi ta' tranżizzjoni realistiċi, u jinkludi strumenti finanzjarji biex jappoġġaw il-bidla fit-trasport, ix-xejriet ta' tismin u skarnar, u jipprevedi perjodi ta' tranżizzjoni realistiċi.

Or. en

Emenda 2037
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasportaturi li jittrasportaw l-annimali lejn l-Unjoni għandhom:	1. It-trasportaturi li jittrasportaw l-annimali ***matul il-perjodu ta' tranżizzjoni ta' 18-il xahar*** lejn l-Unjoni għandhom:

Or. en

Emenda 2038
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiżguraw li l-annimali jiġu ttrasportati f'konformità ma' dan ***ir-Regolament, jew f'kundizzjonijiet rikonoxxuti mill-Unjoni li jkunu ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'dan*** ir-Regolament, mill-post tat-tluq fil-pajjiż terz sal-post tad-destinazzjoni fl-Unjoni;	(a) jiżguraw li l-annimali jiġu ttrasportati f'konformità ma' dan ir-Regolament, mill-post tat-tluq fil-pajjiż terz sal-post tad-destinazzjoni fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 2039
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jimlew il-ġurnal tal-vjaġġ fi TRACES, kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness III, filwaqt li jispeċifikaw b'mod partikolari l-post, id-data u l-ħin tat-tluq fil-pajjiż terz.	(b) jimlew il-ġurnal tal-vjaġġ ***jew*** fi TRACES, ***jew f'sistema nazzjonali interoperabbli ma' TRACES, jew f'sistema nazzjonali kapaċi tiżgura t-traċċabbiltà*** kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness III, filwaqt li jispeċifikaw b'mod partikolari l-post, id-data u l-ħin tat-tluq fil-pajjiż terz.

Or. en

Emenda 2040
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jimlew il-ġurnal tal-vjaġġ fi TRACES, kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness III, filwaqt li jispeċifikaw b'mod partikolari l-post, id-data u l-ħin tat-tluq fil-pajjiż terz.	(b) jimlew il-ġurnal tal-vjaġġ fi ***TRACES jew f'sistema kompjuterizzata nazzjonali ekwivalenti li tiżgura t-traċċabbiltà u l-interoperabbiltà ma'*** TRACES, kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness III, filwaqt li jispeċifikaw b'mod partikolari l-post, id-data u l-ħin tat-tluq fil-pajjiż terz.

Or. en

Emenda 2041

Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jimlew il-ġurnal tal-vjaġġ fi TRACES, kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness III, filwaqt li jispeċifikaw b'mod partikolari l-post, id-data u l-ħin tat-tluq fil-pajjiż terz.	(b) jimlew il-ġurnal tal-vjaġġ fi TRACES, kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness III, filwaqt li jispeċifikaw b'mod partikolari l-post, id-data u l-ħin tat-tluq fil-pajjiż terz ***u l-post, id-data u l-ħin maħsuba tal-wasla fl-Unjoni***.

Or. en

Emenda 2042
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jimlew il-ġurnal tal-vjaġġ fi TRACES, kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness III, filwaqt li jispeċifikaw b'mod partikolari l-post, id-data u l-ħin tat-tluq fil-pajjiż terz.	(b) jimlew il-ġurnal tal-vjaġġ fi TRACES***, jew is-sistemi kompjuterizzati nazzjonali ekwivalenti***, kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness III, filwaqt li jispeċifikaw b'mod partikolari l-post, id-data u l-ħin tat-tluq fil-pajjiż terz.

Or. en

Emenda 2043
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jimlew il-ġurnal tal-vjaġġ fi TRACES, kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness	(b) jimlew il-ġurnal tal-vjaġġ fi TRACES ***jew is-sistema diġitali nazzjonali***

III, filwaqt li jispeċifikaw b'mod partikolari l-post, id-data u l-ħin tat-tluq fil-pajjiż terz.

korrispondenti, kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness III, filwaqt li jispeċifikaw b'mod partikolari l-post, id-data u l-ħin tat-tluq fil-pajjiż terz.

Or. en

Emenda 2044
Emmanouil Fragkos

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-ċertifikat uffiċjali tas-saħħa li jakkumpanja l-annimali li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi u minn territorji terzi għandu jkun fih attestazzjoni mill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq li tiċċertifika li l-ippjanar tal-vjaġġ jikkonforma ma' rekwiżiti tal-anqas ekwivalenti għal dawk ta' dan ir-Regolament.	2. Iċ-ċertifikat uffiċjali tas-saħħa li jakkumpanja l-annimali li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi u minn territorji terzi għandu jkun fih attestazzjoni mill-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq li tiċċertifika li l-ippjanar tal-vjaġġ jikkonforma ma' rekwiżiti tal-anqas ekwivalenti għal dawk ta' dan ir-Regolament. ***Il-produtturi minn dawn il-pajjiżi terzi u territorji għandhom ikopru l-ispejjeż tal-awtoritajiet ikkonċernati tal-UE li jixtiequ jkunu preżenti matul il-proċess kollu, sabiex jivverifikaw li jiġu applikati r-rekwiżiti tar-Regolament.***

Or. en

Emenda 2045
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għal vjaġġi twal, l-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq fil-pajjiż terz għandha tirrieżamina u tapprova l-ġurnal	3. Għal vjaġġi twal, l-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq fil-pajjiż terz għandha tirrieżamina u tapprova l-ġurnal

tal-vjaġġ qabel it-tluq, fi TRACES.	tal-vjaġġ qabel it-tluq, ***jew*** fi TRACES, ***jew f'sistema nazzjonali interoperabbli ma' TRACES, jew f'sistema nazzjonali li kapaċi tiżgura t-traċċabbiltà***.

Or. en

Emenda 2046
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Għal vjaġġi twal,*** l-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq fil-pajjiż terz għandha tirrieżamina u tapprova l-ġurnal tal-vjaġġ qabel it-tluq, fi TRACES.	3. L-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq fil-pajjiż terz għandha tirrieżamina u tapprova l-ġurnal tal-vjaġġ qabel it-tluq, fi TRACES ***u tiżgura li hemm konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 2047
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għal vjaġġi twal, l-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq fil-pajjiż terz għandha tirrieżamina u tapprova l-ġurnal tal-vjaġġ qabel it-tluq, fi TRACES.	3. Għal vjaġġi twal, l-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq fil-pajjiż terz għandha tirrieżamina u tapprova l-ġurnal tal-vjaġġ qabel it-tluq, fi TRACES ***jew fis-sistema kompjuterizzata nazzjonali ekwivalenti***.

Or. en

Emenda 2048
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen

Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għal vjaġġi twal, l-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq fil-pajjiż terz għandha tirrieżamina u tapprova l-ġurnal tal-vjaġġ qabel it-tluq, fi TRACES.	3. Għal vjaġġi twal, l-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq fil-pajjiż terz għandha tirrieżamina u tapprova l-ġurnal tal-vjaġġ qabel it-tluq, fi TRACES ***jew fis-sistema kompjuterizzata nazzjonali ekwivalenti***.

Or. en

Emenda 2049
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għal vjaġġi twal, l-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq fil-pajjiż terz għandha tirrieżamina u tapprova l-ġurnal tal-vjaġġ qabel it-tluq, fi TRACES.	3. Għal vjaġġi twal, l-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq fil-pajjiż terz għandha tirrieżamina u tapprova l-ġurnal tal-vjaġġ qabel it-tluq, fi TRACES ***jew fis-sistema diġitali nazzjonali korrispondenti***.

Or. en

Emenda 2050
Michal Wiezik, Valérie Hayer, Benoit Cassart, Valérie Devaux

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Ir-rekwiżiti fil-Kapitoli III, IV, V, VI ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-finijiet tal-Artikolu

126(2)(c) tar-Regolament 2017/625 dwar il-kontrolli uffiċjali.

Or. en

Emenda 2051
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-annimali jiġu ttrasportati minn post ta' oriġini f'pajjiż terz lejn post ta' destinazzjoni fl-istess pajjiż terz jew f'pajjiż terz ieħor u jgħaddu mit-territorju tal-Unjoni, l-operaturi għandhom jiżguraw li r-regoli ta' dan ir-Regolament jiġu rrispettati matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni***, ħlief għad-dispożizzjonijiet dwar il-ħinijiet massimi tal-vjaġġ stabbiliti fl-Artikolu 27, il-paragrafi (1), (2) u (3), fl-Artikolu 28, fl-Artikolu 29, il-paragrafi (1) u (2), u fil-punt 2.2 tal-Kapitolu V tal-Anness I***.	Meta l-annimali jiġu ttrasportati minn post ta' oriġini f'pajjiż terz lejn post ta' destinazzjoni fl-istess pajjiż terz jew f'pajjiż terz ieħor u jgħaddu mit-territorju tal-Unjoni, l-operaturi għandhom jiżguraw li r-regoli ta' dan ir-Regolament jiġu rrispettati matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħinijiet massimi tal-vjaġġ xorta għandhom japplikaw biex jiġi żgurat il-benesseri tal-annimali.

Emenda 2052
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-annimali jiġu ttrasportati minn post ta' oriġini f'pajjiż terz lejn post ta'	Meta l-annimali jiġu ttrasportati minn post ta' oriġini f'pajjiż terz lejn post ta'

destinazzjoni fl-istess pajjiż terz jew f'pajjiż terz ieħor u jgħaddu mit-territorju tal-Unjoni, l-operaturi għandhom jiżguraw li r-regoli ta' dan ir-Regolament jiġu rrispettati matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni***, ħlief għad-dispożizzjonijiet dwar il-ħinijiet massimi tal-vjaġġ stabbiliti fl-Artikolu 27, il-paragrafi (1), (2) u (3), fl-Artikolu 28, fl-Artikolu 29, il-paragrafi (1) u (2), u fil-punt 2.2 tal-Kapitolu V tal-Anness I***.	destinazzjoni fl-istess pajjiż terz jew f'pajjiż terz ieħor u jgħaddu mit-territorju tal-Unjoni, l-operaturi għandhom jiżguraw li r-regoli ta' dan ir-Regolament jiġu rrispettati matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 2053
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-annimali jiġu ttrasportati minn post ta' oriġini f'pajjiż terz lejn post ta' destinazzjoni fl-istess pajjiż terz jew f'pajjiż terz ieħor u jgħaddu mit-territorju tal-Unjoni, l-operaturi għandhom jiżguraw li r-regoli ta' dan ir-Regolament jiġu rrispettati matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni, ***ħlief*** għad-dispożizzjonijiet dwar il-ħinijiet massimi tal-vjaġġ stabbiliti fl-Artikolu 27, il-paragrafi (1), (2) u (3), fl-Artikolu 28, fl-Artikolu 29, il-paragrafi (1) u (2), u fil-punt 2.2 tal-Kapitolu V tal-Anness I.	Meta l-annimali jiġu ttrasportati minn post ta' oriġini f'pajjiż terz lejn post ta' destinazzjoni fl-istess pajjiż terz jew f'pajjiż terz ieħor u jgħaddu mit-territorju tal-Unjoni, l-operaturi għandhom jiżguraw li r-regoli ta' dan ir-Regolament jiġu rrispettati matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni, ***kif ukoll*** għad-dispożizzjonijiet dwar il-ħinijiet massimi tal-vjaġġ stabbiliti fl-Artikolu 27, il-paragrafi (1), (2) u (3), fl-Artikolu 28, fl-Artikolu 29, il-paragrafi (1) u (2), u fil-punt 2.2 tal-Kapitolu V tal-Anness I.

Or. en

Emenda 2054
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-annimali jiġu ttrasportati minn post ta' oriġini f'pajjiż terz lejn post ta' destinazzjoni fl-istess pajjiż terz jew f'pajjiż terz ieħor u jgħaddu mit-territorju tal-Unjoni, l-operaturi għandhom jiżguraw li r-regoli ta' dan ir-Regolament jiġu rrispettati matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni, ***ħlief għad-dispożizzjonijiet dwar il-ħinijiet*** massimi tal-vjaġġ ***stabbiliti fl-Artikolu 27, il-paragrafi (1), (2) u (3), fl-Artikolu 28, fl-Artikolu 29, il-paragrafi (1) u (2), u fil-punt 2.2 tal-Kapitolu V tal-Anness I***.	Meta l-annimali jiġu ttrasportati minn post ta' oriġini f'pajjiż terz lejn post ta' destinazzjoni fl-istess pajjiż terz jew f'pajjiż terz ieħor u jgħaddu mit-territorju tal-Unjoni, l-operaturi għandhom jiżguraw li r-regoli ta' dan ir-Regolament jiġu rrispettati matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni, ***inklużi l-ħinijiet*** massimi tal-vjaġġ.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħinijiet massimi tal-vjaġġ għandhom jiġu rrispettati wkoll, inkella dan iwassal għal żvantaġġ kompetittiv għall-Istati Membri meta mqabbla ma' pajjiżi terzi, filwaqt li l-prodotti agrikoli minn dawn il-pajjiżi xorta jidħlu fl-Unjoni. Barra minn hekk, id-durata massima tat-trasport għandha, skont ir-regolament il-ġdid, tiġi rrispettata anke għat-tranżitu ta' annimali sabiex tiġi evitata kwalunkwe distorsjoni tal-kompetizzjoni.

Emenda 2055
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-annimali jiġu ttrasportati minn post ta' oriġini f'pajjiż terz lejn post ta' destinazzjoni fl-istess pajjiż terz jew f'pajjiż terz ieħor u jgħaddu mit-territorju tal-Unjoni, l-operaturi għandhom jiżguraw li r-regoli ta' dan ir-Regolament jiġu rrispettati matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni, ħlief għad-dispożizzjonijiet dwar il-ħinijiet massimi tal-vjaġġ ***stabbiliti fl-Artikolu 27, il-paragrafi (1), (2) u (3), fl-Artikolu 28, fl-***	Meta l-annimali jiġu ttrasportati minn post ta' oriġini f'pajjiż terz lejn post ta' destinazzjoni fl-istess pajjiż terz jew f'pajjiż terz ieħor u jgħaddu mit-territorju tal-Unjoni, l-operaturi għandhom jiżguraw li r-regoli ta' dan ir-Regolament jiġu rrispettati matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni, ħlief għad-dispożizzjonijiet dwar il-ħinijiet massimi tal-vjaġġ.

Artikolu 29, il-paragrafi (1) u (2), u fil-punt 2.2 tal-Kapitolu V tal-Anness I.

Or. en

Emenda 2056
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-annimali jiġu ttrasportati minn post ta' oriġini f'pajjiż terz lejn post ta' destinazzjoni fl-istess pajjiż terz jew f'pajjiż terz ieħor u jgħaddu mit-territorju tal-Unjoni, l-operaturi għandhom jiżguraw li r-regoli ta' dan ir-Regolament jiġu rrispettati matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni***, ħlief għad-dispożizzjonijiet dwar il-ħinijiet massimi tal-vjaġġ stabbiliti fl-Artikolu 27, il-paragrafi (1), (2) u (3), fl-Artikolu 28, fl-Artikolu 29, il-paragrafi (1) u (2), u fil-punt 2.2 tal-Kapitolu V tal-Anness I***.	Meta l-annimali jiġu ttrasportati minn post ta' oriġini f'pajjiż terz lejn post ta' destinazzjoni fl-istess pajjiż terz jew f'pajjiż terz ieħor u jgħaddu mit-territorju tal-Unjoni ***matul il-perjodu ta' tranżizzjoni ta' 18-il xahar***, l-operaturi għandhom jiżguraw li r-regoli ta' dan ir-Regolament jiġu rrispettati ***f'kull ħin*** matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 2057
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-annimali jiġu ttrasportati minn post ta' oriġini f'pajjiż terz lejn post ta' destinazzjoni fl-istess pajjiż terz jew f'pajjiż terz ieħor u jgħaddu mit-territorju tal-Unjoni, l-operaturi għandhom jiżguraw li r-regoli ta' dan ir-Regolament jiġu	Meta l-annimali jiġu ttrasportati minn post ta' oriġini f'pajjiż terz lejn post ta' destinazzjoni fl-istess pajjiż terz jew f'pajjiż terz ieħor u jgħaddu mit-territorju tal-Unjoni, l-operaturi għandhom jiżguraw li r-regoli ta' dan ir-Regolament jiġu

rrispettati matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni, ħlief għad-dispożizzjonijiet dwar il-ħinijiet massimi tal-vjaġġ ***stabbiliti fl-Artikolu 27, il-paragrafi (1), (2) u (3), fl-Artikolu 28, fl-Artikolu 29, il-paragrafi (1) u (2), u fil-punt 2.2 tal-Kapitolu V tal-Anness I***.	rrispettati matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni, ħlief għad-dispożizzjonijiet dwar il-ħinijiet massimi tal-vjaġġ.

Or. en

Emenda 2058
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tiżgura li jkunu disponibbli korsijiet ta' taħriġ ***għas-sewwieqa, għall-attendenti u għall-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali*** involuti fit-trasport ta' annimali ***rilevanti għall-ispeċijiet*** u għall-kategoriji ta' annimali kkonċernati;	(a) tiżgura li jkunu disponibbli korsijiet ta' taħriġ ***u li jkunu obbligatorji għal dawk kollha*** involuti fit-trasport ta' annimali***, inklużi s-sewwieqa, l-attendenti, l-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali u l-veterinarji uffiċjali, b'attenzjoni għall-ħtiġijiet fiżjoloġiċi u tal-imġiba tal-ispeċijiet*** u għall-kategoriji ta' annimali kkonċernati;

Or. en

Emenda 2059
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tiżgura ***li jkunu disponibbli*** korsijiet ta' taħriġ għas-sewwieqa, għall-attendenti u għall-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali involuti fit-trasport ***ta' annimali rilevanti għall-ispeċijiet u għall-kategoriji ta' annimali kkonċernati***;	(a) tiżgura ***d-disponibbiltà ta'*** korsijiet ta' taħriġ għas-sewwieqa, għall-attendenti u għall-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali involuti fit-trasport ***tal-annimali***;

Or. en

Emenda 2060
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tiżgura li jkunu disponibbli korsijiet ta' taħriġ għas-sewwieqa, għall-attendenti u għall-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali involuti fit-trasport ta' annimali rilevanti għall-ispeċijiet u għall-kategoriji ta' annimali kkonċernati;	(a) tiżgura li jkunu disponibbli korsijiet ta' taħriġ ***inizjali u kontinwi*** għas-sewwieqa, għall-attendenti u għall-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali involuti fit-trasport ta' annimali rilevanti għall-ispeċijiet u għall-kategoriji ta' annimali kkonċernati***, u tiżgura li t-taħriġ jiġi pprovdut f'lingwa li s-sewwieq, l-attendent u l-uffiċjal għall-benesseri tal-annimali jistgħu jifhmu u jikkomunikaw biha, kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub***;

Or. en

Emenda 2061
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tiżgura li jkunu disponibbli korsijiet ta' taħriġ għas-sewwieqa, għall-attendenti u għall-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali involuti fit-trasport ta' annimali rilevanti għall-ispeċijiet u għall-kategoriji ta' annimali kkonċernati;	(a) tiżgura li jkunu disponibbli korsijiet ta' taħriġ ***inizjali u perjodiċi, kompatibbli mad-Direttiva (UE) 2022/2561 dwar it-taħriġ tas-sewwieqa,*** għas-sewwieqa, għall-attendenti u għall-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali involuti fit-trasport ta' annimali rilevanti għall-ispeċijiet u għall-kategoriji ta' annimali kkonċernati;

Or. en

Emenda 2062
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tiżgura li jkunu disponibbli korsijiet ta' taħriġ għas-sewwieqa, għall-attendenti u għall-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali involuti fit-trasport ta' annimali rilevanti għall-ispeċijiet u għall-kategoriji ta' annimali kkonċernati;	(a) tiżgura li jkunu disponibbli korsijiet ta' taħriġ ***inizjali u kontinwi*** għas-sewwieqa, għall-attendenti u għall-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali involuti fit-trasport ta' annimali rilevanti għall-ispeċijiet u għall-kategoriji ta' annimali kkonċernati;

Or. en

Emenda 2063
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tiżgura li jkunu disponibbli korsijiet ta' taħriġ għas-sewwieqa, ***għall-attendenti*** u għall-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali involuti fit-trasport ta' annimali rilevanti għall-ispeċijiet u għall-kategoriji ta' annimali kkonċernati;	(a) tiżgura li jkunu disponibbli korsijiet ta' taħriġ għas-sewwieqa, ***għat-tekniċi kkwalifikati tal-annimali*** u għall-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali involuti fit-trasport ta' annimali rilevanti għall-ispeċijiet u għall-kategoriji ta' annimali kkonċernati;

Or. en

Emenda 2064
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) Artikolu 37a Kundizzjonijiet speċifiċi għat-taħriġ tas-sewwieqa.
	L-awtorità kompetenti ddeżinjata mill-Istati Membri skont l-Artikolu 37(1) għandha tiżgura li t-taħriġ inizjali u kontinwu jikkonforma mill-inqas mal-kundizzjonijiet li ġejjin: Interazzjoni u kompatibbiltà mad-Direttiva (UE) 2022/2561 dwar it-taħriġ tas-sewwieqa.
	Għas-sewwieqa b'liċenzja C jew C+E, taħriġ speċifiku dwar l-annimali ħajjin inizjali ta' mill-inqas 16-il siegħa li għandu jsir qabel l-eżami finali. Dan it-taħriġ jista' jkun fih mill-inqas 4 sigħat ta' taħriġ fil-klassi f'ċentru tat-taħriġ rikonoxxut u 12-il siegħa f'kumpanija tat-trasport tal-annimali ħajjin jew 16-il siegħa f'kumpanija tat-trasport tal-annimali ħajjin. Mill-inqas għaxar sigħat għandhom jikkonsistu minn sewqan akkumpanjat minn sewwieq speċjalizzat esperjenzat.
	Għal sewwieqa li qed jagħmlu kors ta' taħriġ kontinwu ta' 35 siegħa kif identifikat mid-Direttiva (UE) 2022/2561, mill-inqas 26 siegħa minn dal-ħin jiġu ddedikati għal suġġetti relatati mat-trasport tal-annimali ħajjin rilevanti, preferibbilment li jiġu adattati għal-livell ta' esperjenza tas-sewwieq. Mill-inqas 20 siegħa tat-taħriġ kontinwu għandhom ikunu fuq il-post tax-xogħol.
	Or. en

Emenda 2065
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(b) iżżomm lista ta' korsijiet ta' taħriġ approvati disponibbli għas-sewwieqa, għall-attendenti u għall-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali responsabbli għall-benesseri tal-annimali matul it-trasport;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2066
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) iżżomm lista ta' korsijiet ta' taħriġ approvati disponibbli għas-sewwieqa, għall-attendenti ***u*** għall-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali responsabbli għall-benesseri tal-annimali matul it-trasport;	(b) iżżomm lista ta' korsijiet ta' taħriġ approvati disponibbli għas-sewwieqa, għall-attendenti***,*** għall-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali ***u għall-veterinarji uffiċjali*** responsabbli għall-benesseri tal-annimali matul it-trasport;

Or. en

Emenda 2067
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) iżżomm lista ta' korsijiet ta' taħriġ approvati disponibbli għas-sewwieqa, għall-attendenti u għall-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali responsabbli għall-benesseri tal-annimali matul ***it-trasport***;	(b) iżżomm lista ta' korsijiet ta' taħriġ approvati disponibbli għas-sewwieqa, għall-attendenti u għall-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali responsabbli għall-benesseri tal-annimali ***qabel,*** matul ***u wara t-trasport***;

Or. en

Emenda 2068

Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) iżżomm lista ta' korsijiet ta' taħriġ approvati disponibbli għas-sewwieqa, ***għall-attendenti*** u għall-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali responsabbli għall-benesseri tal-annimali matul it-trasport;	(b) iżżomm lista ta' korsijiet ta' taħriġ approvati disponibbli għas-sewwieqa, ***għat-tekniċi kkwalifikati tal-annimali*** u għall-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali responsabbli għall-benesseri tal-annimali matul it-trasport;

Or. en

Emenda 2069
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) iżżomm lista ta' korsijiet ta' taħriġ approvati disponibbli għas-sewwieqa, għall-attendenti ***u għall-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali*** responsabbli għall-benesseri tal-annimali matul it-trasport;	(b) iżżomm lista ta' korsijiet ta' taħriġ approvati disponibbli għas-sewwieqa, għall-attendenti responsabbli għall-benesseri tal-annimali matul it-trasport;

Or. en

Emenda 2070
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) iżżomm lista ta' korsijiet ta' taħriġ approvati disponibbli għas-sewwieqa***,*** għall-attendenti ***u għall-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali*** responsabbli għall-benesseri tal-annimali matul it-trasport;	(b) iżżomm lista ta' korsijiet ta' taħriġ approvati disponibbli għas-sewwieqa ***u*** għall-attendenti responsabbli għall-benesseri tal-annimali matul it-trasport;

Or. en

Emenda 2071
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) torganizza eżami finali indipendenti sabiex tittestja l-għarfien tas-sewwieqa, tal-attendenti u tal-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali, li l-kontenut tiegħu għandu jkun rilevanti għall-kategoriji tal-annimal ikkonċernat u għandu jikkorrispondi għall-istadju tat-trasport ikkonċernat;	(c) torganizza eżami finali indipendenti***, li għandu jinkludi valutazzjoni prattika tal-ħiliet tal-immaniġġjar tal-annimali u l-ġestjoni tal-emerġenzi***, sabiex tittestja l-għarfien tas-sewwieqa, tal-attendenti u tal-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali, li l-kontenut tiegħu għandu jkun rilevanti għall-kategoriji tal-annimal ikkonċernat u għandu jikkorrispondi għall-istadju tat-trasport ikkonċernat;

Or. el

Emenda 2072
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) torganizza eżami finali indipendenti sabiex tittestja l-għarfien tas-sewwieqa, tal-attendenti ***u*** tal-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali, li l-kontenut tiegħu għandu jkun rilevanti għall-kategoriji tal-annimal	(c) torganizza eżami finali indipendenti sabiex tittestja l-għarfien tas-sewwieqa, tal-attendenti***,*** tal-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali ***u tal-veterinarji uffiċjali***, li l-kontenut tiegħu għandu jkun rilevanti

ikkonċernat u għandu jikkorrispondi għall-istadju tat-trasport ikkonċernat;	***għall-ispeċi u*** għall-kategoriji tal-annimal ikkonċernat u għandu jikkorrispondi għall-istadju tat-trasport ikkonċernat;

Or. en

Emenda 2073
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) torganizza eżami finali indipendenti sabiex tittestja l-għarfien tas-sewwieqa, ***tal-attendenti*** u tal-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali, li l-kontenut tiegħu għandu jkun rilevanti għall-kategoriji tal-annimal ikkonċernat u għandu jikkorrispondi għall-istadju tat-trasport ikkonċernat;	(c) torganizza eżami finali indipendenti sabiex tittestja l-għarfien tas-sewwieqa, ***tat-tekniċi kkwalifikati tal-annimali*** u tal-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali, li l-kontenut tiegħu għandu jkun rilevanti għall-kategoriji tal-annimal ikkonċernat u għandu jikkorrispondi għall-istadju tat-trasport ikkonċernat;

Or. en

Emenda 2074
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tqassam ċertifikati ta' kompetenza li jattestaw li wieħed ikun għadda b'suċċess mill-eżami finali indipendenti;	(d) tqassam ċertifikati ta' kompetenza li jattestaw li wieħed ikun għadda b'suċċess mill-eżami finali indipendenti***, b'validità ta' mhux aktar minn 24 xahar***;

Or. en

Emenda 2075

Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tqassam ċertifikati ta' kompetenza li jattestaw li wieħed ikun għadda b'suċċess mill-eżami finali indipendenti;	(d) tqassam ċertifikati ta' kompetenza li jattestaw li wieħed ikun għadda b'suċċess mill-eżami finali indipendenti; ***iċ-ċertifikati ta' kompetenza għandhom ikunu disponibbli wkoll f'format diġitali;***

Or. en

Emenda 2076
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tqassam ċertifikati ta' kompetenza li jattestaw li wieħed ikun għadda b'suċċess mill-eżami finali indipendenti;	(d) tqassam ċertifikati ta' kompetenza ***diġitali jew fiżiċi*** li jattestaw li wieħed ikun għadda b'suċċess mill-eżami finali indipendenti;

Or. en

Emenda 2077
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri, permezz tal-awtoritajiet kompetenti ddeżinjati tagħhom imsemmija fl-ewwel subparagrafu, għandhom

jiżguraw li t-taħriġ tas-sewwieqa inizjali u kontinwu jissodisfa mill-inqas ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) it-taħriġ tas-sewwieqa huwa allinjat u kompatibbli mad-Direttiva (UE) 2022/2561;

(b) għal sewwieqa b'liċenzja C jew C+E, taħriġ dwar it-trasport tal-annimali ħajjin speċifiku għall-ispeċi ta' 16-il siegħa inizjali jkun sar qabel l-eżami finali, inklużi mill-inqas 4 sigħat ta' taħriġ fil-klassi f'ċentru tat-taħriġ rikonoxxut u 12-il siegħa f'kumpanija tat-trasport tal-annimali ħajjin, jew 16-il siegħa sħaħ ta' taħriġ f'kumpanija tat-trasport tal-annimali ħajjin, fejn mill-inqas 10 sigħat għandhom jinvolvu s-sewqan taħt is-superviżjoni ta' sewwieq speċjalizzat esperjenzat;

(c) għal sewwieqa li jkunu segwew taħriġ kontinwu ta' 35 siegħa, kif stabbilit fid-Direttiva (UE) 2022/2561, mill-inqas 26 siegħa ta' taħriġ għandu jiffoka fuq it-trasport tal-annimali ħajjin, adattat, meta jkun possibbli, għal-livell ta' esperjenza tas-sewwieq, jew mill-inqas 20 siegħa għandhom ikunu taħriġ prattiku fuq il-post tax-xogħol.

Or. en

Emenda 2078
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) tiżgura taħriġ speċjali għall-uffiċjali tal-benesseri tal-annimali abbord bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem.

Or. en

Emenda 2079
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) tiżgura taħriġ speċjali għall-uffiċjali tal-benesseri tal-annimali abbord bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem.

Or. en

Emenda 2080
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-imġiba speċifika għall-ispeċi tal-annimali u l-ħtiġijiet fiżjoloġiċi u etoloġiċi tagħhom matul vjaġġ;	(b) l-imġiba speċifika għall-ispeċi tal-annimali u l-ħtiġijiet fiżjoloġiċi u etoloġiċi tagħhom matul vjaġġ ***kif ukoll il-metodi ta' mmaniġġjar xierqa***;

Or. en

Emenda 2081
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) modi kif jitnaqqsu r-riskji għall-benesseri tal-annimali matul vjaġġ;	(c) modi kif jitnaqqsu r-riskji għall-benesseri tal-annimali matul vjaġġ ***inklużi prinċipji ta' mmaniġġjar b'livell baxx ta' stress tal-annimali u l-implimentazzjoni***

prattika tagħhom, kif ukoll, meta jkun rilevanti, prinċipji ta' benesseri tal-annimali għall-qbid u għat-tagħbija ta' pollam u fniek għat-trasport f'kaxxi u kontenituri;

Or. en

Emenda 2082
Maria Noichl, Marianne Vind

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) modi kif jitnaqqsu r-riskji għall-benesseri tal-annimali matul vjaġġ;	(c) modi kif jitnaqqsu r-riskji għall-benesseri tal-annimali matul vjaġġ ***inklużi prinċipji ta' mmaniġġjar b'livell baxx ta' stress tal-annimali u l-applikazzjoni prattika tagħhom, kif ukoll, meta jkun rilevanti, prinċipji ta' benesseri tal-annimali għall-qbid u għalt-tagħbija ta' pollam u fniek għat-trasport f'kaxxi u kontenituri***;

Or. en

Emenda 2083
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) modi kif ***jitnaqqsu*** r-riskji għall-benesseri tal-annimali matul vjaġġ;	(c) modi kif ***jiġu pprevenuti*** r-riskji għall-benesseri tal-annimali matul vjaġġ ***inklużi prinċipji ta' mmaniġġjar b'livell baxx ta' stress tal-annimali u l-applikazzjoni prattika tagħhom, kif ukoll prinċipji ta' benesseri tal-annimali għall-qbid u għat-tagħbija ta' pollam u fniek li jkunu qegħdin jiġu ttrasportati f'kaxxi u kontenituri***;

Or. en

Emenda 2084
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) modi kif jitnaqqsu r-riskji għall-benesseri tal-annimali matul vjaġġ;	(c) modi kif jitnaqqsu r-riskji għall-benesseri tal-annimali matul vjaġġ ***kif ukoll matul il-qbid u t-tagħbija tal-annimali, inklużi prinċipji ta' mmanniġġjar sikur***;

Or. en

Emenda 2085
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ir-rikonoxximent tal-emozzjonijiet pożittivi u negattivi tal-espressjonijiet tal-annimali, inkluż kwalunkwe sinjal ta' tbatija matul il-vjaġġ;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2086
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Krzysztof Hetman, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ir-rikonoxximent tal-emozzjonijiet pożittivi u negattivi tal-espressjonijiet tal-annimali, inkluż kwalunkwe sinjal ta' tbatija matul il-vjaġġ;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2087
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ir-rikonoxximent tal-emozzjonijiet pożittivi u negattivi tal-espressjonijiet tal-annimali, inkluż kwalunkwe sinjal ta' tbatija matul il-vjaġġ;	(d) ir-rikonoxximent tal-emozzjonijiet pożittivi u negattivi tal-espressjonijiet tal-annimali, inkluż kwalunkwe sinjal ta' ***uġigħ,*** tbatija***, ġuħ, għatx u stress*** matul il-vjaġġ;

Or. en

Emenda 2088
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ir-rikonoxximent tal-emozzjonijiet pożittivi u negattivi tal-espressjonijiet tal-annimali, inkluż kwalunkwe sinjal ta' tbatija matul il-vjaġġ;	(d) ir-rikonoxximent tal-emozzjonijiet pożittivi u negattivi tal-espressjonijiet tal-annimali, inkluż kwalunkwe sinjal ta' tbatija***, stress, deidratazzjoni jew eżawriment*** matul il-vjaġġ;

Or. el

Emenda 2089
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-użu u l-manutenzjoni tat-tagħmir użat għall-annimali akkomodati fil-mezz tat-trasport;	(e) l-użu u l-manutenzjoni tat-tagħmir użat għall-annimali akkomodati fil-mezz tat-trasport***, inklużi l-manutenzjoni u l-ispezzjoni ta' vetturi u bastimenti***;

Or. en

Emenda 2090
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-użu u l-manutenzjoni tat-tagħmir użat għall-annimali akkomodati fil-mezz tat-trasport;	(e) l-użu u l-manutenzjoni tat-tagħmir użat għall-annimali akkomodati fil-mezz tat-trasport***, inklużi l-manutenzjoni u l-ispezzjoni ta' vetturi***;

Or. en

Emenda 2091
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) il-manutenzjoni u l-ispezzjoni ta' vetturi;

Or. en

Emenda 2092
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber,

Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) ***il-pjanijiet ta' kontinġenza fl-Artikolu 8.***	(g) ***il-kura ta' emerġenza għall-annimali;***

Or. en

Emenda 2093
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) ***il-pjanijiet ta' kontinġenza fl-Artikolu 8***.	(g) ***il-kura ta' emerġenza għall-annimali***.

Or. en

Emenda 2094
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) il-pjanijiet ta' kontinġenza ***fl-Artikolu*** 8.	(g) il-pjanijiet ta' kontinġenza ***fl-Artikoli 7 u*** 8.

Or. en

Emenda 2095
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) il-pjanijiet ta' kontinġenza fl-Artikolu 8.	(g) il-pjanijiet ta' kontinġenza fl-Artikolu ***7 u*** 8.

Or. en

Emenda 2096
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) l-awtorità kompetenti għandha tiggarantixxi li l-kors ta' taħriġ imsemmi fl-Artikolu 21.1 ikun disponibbli online, b'durata massima ta' sagħtejn u f'lingwi differenti, għal dawk responsabbli mill-benesseri tal-annimali f'bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem.

Or. en

Emenda 2097
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) moduli speċifiċi għall-ispeċi separati b'informazzjoni dwar l-imġiba tal-annimali u l-immaniġġjar tagħhom, inkluża s-sikurezza ta' min jimmaniġġjahom;

Or. en

Emenda 2098
Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) l-istruzzjonijiet operazzjonali relatati mal-identifikazzjoni tal-fatturi ta' riskju u mal-ippjanar tal-vjaġġi;

Or. fr

Emenda 2099
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) moduli speċifiċi għall-ispeċi separati b'informazzjoni dwar l-imġiba u l-immaniġġjar tal-annimali, inkluża s-sikurezza ta' min jimmaniġġjahom;

Or. en

Emenda 2100
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) sinjali ta' problemi tas-saħħa u fiżiċi apparti korrimenti, f'konformità mal-Artikolu 26(1)(d);

Or. en

Emenda 2101
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) imġiba u mmaniġġjar tal-annimali, inklużi s-separazzjoni tal-annimali u s-sikurezza ta' min jimmaniġġjahom;

Or. en

Emenda 2102
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt gb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(gb) liġijiet, kodiċijiet u linji gwida speċifiċi fir-rigward tat-trattament tal-annimali, inklużi rekwiżiti tad-dokumentazzjoni nazzjonali u internazzjonali;

Or. en

Emenda 2103
Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt gb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(gb) il-protokolli prattiċi tal-bijosigurtà biex jipprevjenu l-mard milli jinfirex;

Or. fr

Emenda 2104
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt gb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(gb) miżuri tal-ewwel għajnuna;

Or. en

Emenda 2105
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt gb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(gb) fatturi ta' riskju u ppjanar;

Or. en

Emenda 2106
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt gc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(gc) għall-uffiċjali tal-benesseri tal-annimali l-kompetenza għandha tkopri wkoll l-oqsma kollha tal-immaniġġjar, tat-trobbija, tal-ġestjoni tal-mard u tal-iskarnar tal-annimali għall-ispeċi u għaċ-ċirkostanzi rilevanti li qegħdin jiġu ttrasportati u tkopri l-proċeduri tal-kura tal-annimali inkluż l-intervent veterinarju fil-każ ta' mard jew inċidenti. Il-**

kompetenza tal-iskarnar għandha tkun tirrifletti wkoll it-tagħmir għall-isturdament u għall-iskarnar adattat għall-ispeċi ttrasportata u disponibbli fuq il-bastimenti.

Or. en

Emenda 2107
Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt gc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(gc) taħriġ speċifiku tas-sewqan, inkluż tekniki tal-ibbrejkjar u tal-istartjar adattati biex jipprevjenu lill-annimali milli jitilfu l-bilanċ tagħhom.

Or. fr

Emenda 2108
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt gc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(gc) moduli speċifiċi għall-ispeċi separati b'informazzjoni dwar l-imġiba u l-immaniġġjar tal-annimali, inkluża s-sikurezza ta' min jimmaniġġjahom;

Or. en

Emenda 2109
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt gc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(gc) linji gwida tat-tħaddim relatati ma' fatturi ta' riskju u ppjanar;

Or. en

Emenda 2110
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt gc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(gc) bijosigurtà;

Or. en

Emenda 2111
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt gd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(gd) Liġijiet, kodiċijiet u linji gwida speċifiċi fir-rigward tat-trattament tal-annimali, inklużi rekwiżiti tad-dokumentazzjoni nazzjonali u internazzjonali;

Or. en

Emenda 2112
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt gd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(gd) linji gwida tat-tħaddim relatati mal-bijosigurtà;

Or. en

Emenda 2113
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt ge (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ge) Linji gwida tat-tħaddim relatati mal-fatturi ta' riskju u ppjanar;

Or. en

Emenda 2114
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt gf (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(gf) Linji gwida tat-tħaddim relatati mal-bijosigurtà;

Or. en

Emenda 2115
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt gd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(gd) sewqan b'annimali abbord;

Or. en

Emenda 2116
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt ge (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ge) taħriġ fil-ħiliet tas-sewwieqa, li għandu jinkludi tekniki ta' bbrejkjar u startjar xierqa, biex jiġi żgurat li l-annimali ma jaqgħux.

Or. en

Emenda 2117
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt gg (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(gg) It-taħriġ fil-ħiliet tas-sewwieqa jrid jinkludi tekniki ta' bbrejkjar u startjar xierqa, biex l-annimali ma jaqgħux.

Or. en

Emenda 2118
Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. (ĠDID) Artikolu 37a Kundizzjonijiet speċifiċi għat-taħriġ tas-sewwieqa.
	L-awtorità kompetenti ddeżinjata mill-Istati Membri skont l-Artikolu 37(1) għandha tiżgura li t-taħriġ inizjali u

kontinwu jikkonforma mill-inqas mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Interazzjoni u kompatibbiltà mad-Direttiva (UE) 2022/2561 dwar it-taħriġ tas-sewwieqa.
(b) Għas-sewwieqa b'liċenzja C jew C+E, taħriġ speċifiku dwar l-annimali ħajjin inizjali ta' mill-inqas 16-il siegħa li għandu jsir qabel l-eżami finali. Dan it-taħriġ jista' jkun fih mill-inqas 4 sigħat ta' taħriġ fil-klassi f'ċentru tat-taħriġ rikonoxxut u 12-il siegħa f'kumpanija tat-trasport tal-annimali ħajjin jew 16-il siegħa f'kumpanija tat-trasport tal-annimali ħajjin. Mill-inqas għaxar sigħat għandhom jikkonsistu minn sewqan akkumpanjat minn sewwieq speċjalizzat esperjenzat.
(c) Għal sewwieqa li qed jagħmlu kors ta' taħriġ kontinwu ta' 35 siegħa kif identifikat mid-Direttiva (UE) 2022/2561, mill-inqas 26 siegħa minn dal-ħin jiġu ddedikati għal suġġetti relatati mat-trasport tal-annimali ħajjin rilevanti, preferibbilment li jiġu adattati għal-livell ta' esperjenza tas-sewwieq. Mill-inqas 20 siegħa tat-taħriġ kontinwu għandhom ikunu fuq il-post tax-xogħol.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Taħriġ tas-sewwieqa ta' kwalità għolja u armonizzat huwa komponent essenzjali ta' trasport ta' kwalità għolja. Id-dispożizzjonijiet tal-proposta dwar it-taħriġ tas-sewwieqa għandhom ikunu żviluppati aktar u għandhom ikunu kompatibbli bis-sħiħ mad-Direttiva (UE) 2022/2561 dwar it-taħriġ tas-sewwieqa.

Emenda 2119
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-korsijiet tat-taħriġ tas-sewwieqa jkunu kompatibbli mad-Direttiva (UE) 2022/2561 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa.

Or. en

Emenda 2120
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw l-awtorità kompetenti biex tiżgura li korsijiet tat-taħriġ ikunu disponibbli għall-gwardjani sabiex jissodisfaw u jifhmu l-obbligi tagħhom għall-fini li jissodisfaw ir-responsabbiltajiet skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 2121
Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. (g) l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-kors ta' taħriġ imsemmi fl-Artikolu 21.1 ikun disponibbli għall-uffiċjali tal-benesseri tal-annimali tal-bastimenti b'mod online, ta' durata

massima ta' sagħtejn u f'lingwi differenti.

Or. en

Emenda 2122
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 37a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 37a
	Rekwiżiti għal sewwieqa li jittrasportaw l-annimali
	L-awtorità kompetenti ddeżinjata mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 37(1) għandha tiżgura li t-taħriġ inizjali u kontinwu tas-sewwieqa jissodisfa mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin:
	(a) Interazzjoni u kompatibbiltà mad-Direttiva (UE) 2022/2561 dwar it-taħriġ tas-sewwieqa.
	(b) Għas-sewwieqa li għandhom liċenzja C jew C+E, taħriġ inizjali għas-sewwieqa li jittrasportaw l-annimali ħajjin għandu jkun mill-inqas 16-il siegħa li għandu jsir qabel l-eżami finali. Dan it-taħriġ għandu jikkonsisti minn tal-inqas 4 sigħat ta' taħriġ fil-klassi, fiżikament jew online, f'ċentru tat-taħriġ rikonoxxut, u 12-il siegħa ma' kumpanija li tittrasporta l-annimali. Mill-inqas 8 sigħat iridu jinkludu sewqan akkumpanjat minn sewwieq speċjalizzat esperjenzat li jkopri tekniki ta' sewqan difensiv f'konformità mad-Direttiva 2006/126/KE. Mill-inqas sagħtejn mit-taħriġ iridu jkunu ddedikati għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali.
	(c) Għal sewwieqa li qed isegwu kors ta' taħriġ kontinwu ta' 35 siegħa kif identifikat mid-Direttiva (UE) 2022/2561, 26 siegħa minn dal-ħin għandhom jiġu ddedikati għal suġġetti rilevanti relatati

mat-trasport tal-annimali ħajjin, preferibbilment li jiġu adattati għal-livell ta' esperjenza tas-sewwieq. Mill-inqas 20 siegħa ta' taħriġ kontinwu għandhom ikunu fuq il-post tax-xogħol.

Or. en

Emenda 2123
Maria Noichl, Marianne Vind

Proposta għal regolament
Artikolu 37a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 37a
	Kundizzjonijiet speċifiċi għat-taħriġ tas-sewwieqa.
	L-awtorità kompetenti ddeżinjata mill-Istati Membri skont l-Artikolu 37(1) għandha tiżgura li t-taħriġ inizjali u kontinwu jikkonforma mill-inqas mal-kundizzjonijiet li ġejjin:
	(a) Interazzjoni u kompatibbiltà mad-Direttiva (UE) 2022/2561 dwar it-taħriġ tas-sewwieqa;
	(b) Għas-sewwieqa b'liċenzja C jew C+E, taħriġ speċifiku dwar l-annimali ħajjin inizjali ta' mill-inqas 16-il siegħa li għandu jsir qabel l-eżami finali. Dan it-taħriġ jista' jkun fih mill-inqas 4 sigħat ta' taħriġ fil-klassi f'ċentru tat-taħriġ rikonoxxut u 12-il siegħa f'kumpanija tat-trasport tal-annimali ħajjin jew 16-il siegħa f'kumpanija tat-trasport tal-annimali ħajjin. Mill-inqas għaxar sigħat għandhom jikkonsistu minn sewqan akkumpanjat minn sewwieq speċjalizzat esperjenzat;
	(c) Għal sewwieqa li qed jagħmlu kors ta' taħriġ kontinwu ta' 35 siegħa kif identifikat mid-Direttiva (UE) 2022/2561, mill-inqas 26 siegħa minn dal-ħin jiġu ddedikati għal suġġetti relatati mat-

trasport tal-annimali ħajjin rilevanti, preferibbilment li jiġu adattati għal-livell ta' esperjenza tas-sewwieq. Mill-inqas 20 siegħa tat-taħriġ kontinwu għandhom ikunu fuq il-post tax-xogħol.

Or. en

Emenda 2124
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 37b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 37b
	Rekwiżiti ta' sewqan difensiv
	Is-sewwieqa għandhom jimpenjaw ruħhom li jwettqu sewqan difensiv f'konformità mad-Direttiva 2006/126/KE u jillimitaw kemm il-vettura li qegħdin isuqu taċċellera, tibbrejkja u ddur mal-kantunieri sa fejn taffettwa l-kapaċità tal-annimali li jżommu stabbiltà posturali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tallinja mar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-EFSA

Emenda 2125
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Kosma Złotowski, Beata Szydło

Proposta għal regolament
Artikolu 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 38	***imħassar***
Ċertifikat ta' kompetenza	

1. L-awtorità kompetenti għandha tagħti ċertifikat ta' kompetenza fi TRACES dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-applikant ikun għadda b'suċċess mill-eżami finali msemmi fl-Artikolu 37(1), il-punt (c);

(b) l-applikant ikun ipprovda dikjarazzjoni bil-miktub li tiddikjara li ma jkunx wettaq ksur serju kif previst fl-Artikolu 44 fit-3 snin ta' qabel id-data tal-applikazzjoni għal dak iċ-ċertifikat.

2. L-awtorità kompetenti ma għandhiex tagħti ċ-ċertifikat ta' kompetenza jekk awtorità kompetenti oħra tkun ipprojbiet lill-applikant milli jimmaniġġja l-annimali.

3. Iċ-ċertifikat ta' kompetenza għandu jinkludi l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsima 4 tal-Anness V. Dan għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn 5 snin mid-data tal-ħruġ.

4. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu ċ-ċertifikati ta' kompetenza mogħtijin fi Stat Membru ieħor.

5. L-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu l-kwalifiki miksubin għal għanijiet oħrajn bħala ekwivalenti għaċ-ċertifikati ta' kompetenza għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, dment li jkunu nkisbu f'kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'dan l-Artikolu. Permezz tal-Internet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu pubblikament disponibbli u jżommu aġġornata, lista ta' kwalifiki rikonoxxuti bħala ekwivalenti għaċ-ċertifikat ta' kompetenza.

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirtiraw fi TRACES ċertifikat ta' kompetenza mogħti skont dan ir-Regolament meta l-persuna li jkollha dak iċ-ċertifikat ma tibqax turi kompetenza, għarfien jew sensibilizzazzjoni suffiċjenti dwar il-kompiti tagħha.

Or. en

Emenda 2126
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità kompetenti għandha tagħti ċertifikat ta' kompetenza ***fi TRACES*** dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:	1. L-awtorità kompetenti għandha tagħti ċertifikat ta' kompetenza ***meta s-sewwieq jew l-indokratur li jkun id-detentur taċ-ċertifikat imur biex jopera bejn pajjiżi differenti u*** dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-proċedura amministrattiva għandha tkun skont dak li huwa stabbilit fl-Istat Membru fejn issir it-talba. Malli jintbagħtu l-awtorizzazzjoni, it-tiġdid, is-sospensjoni jew ir-revoka, dawn jiġu rreġistrati fi TRACES.

Emenda 2127
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità kompetenti għandha tagħti ċertifikat ta' kompetenza fi TRACES dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:	1. L-awtorità kompetenti għandha tagħti ċertifikat ta' kompetenza ***f'format diġitali u*** fi TRACES dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 2128
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio

Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-applikant ikun ippruvda dikjarazzjoni bil-miktub li tiddikjara li ma jkunx wettaq ksur serju kif previst fl-Artikolu 44 fit-3 snin ta' qabel id-data tal-applikazzjoni għal dak iċ-ċertifikat.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2129
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-applikant ikun ippruvda dikjarazzjoni bil-miktub li tiddikjara li ma jkunx wettaq ksur serju kif previst fl-Artikolu 44 fit-3 snin ta' qabel id-data tal-applikazzjoni għal dak iċ-ċertifikat.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2130
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-applikant ***ikun*** ippruvda dikjarazzjoni ***bil-miktub*** li ***tiddikjara li*** ma ***jkunx*** wettaq ksur serju kif previst fl-	(b) l-applikant ippruvda ***fedina penali nadifa u*** dikjarazzjoni li ma ***għandu l-ebda akkuża pendenti għal abbuż tal-annimali,***

Artikolu 44 ***fit-3 snin*** ta' qabel id-data tal-applikazzjoni ***għal dak iċ-ċertifikat***.	***u li ma*** wettaq ***l-ebda*** ksur serju kif previst fl-Artikolu 44 ***fis-sentejn*** ta' qabel id-data tal-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 2131
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-applikant ikun ipprovda dikjarazzjoni bil-miktub li tiddikjara li ma jkunx wettaq ksur serju kif previst fl-Artikolu 44 fit-3 snin ta' qabel id-data tal-applikazzjoni għal dak iċ-ċertifikat.	(b) l-applikant ikun ipprovda dikjarazzjoni bil-miktub li tiddikjara li ma jkunx wettaq ksur serju kif previst fl-Artikolu 44 ***u ma ġiex mixli bi ksur tal-benessri tal-annimali, jew investigat għalih,*** fit-3 snin ta' qabel id-data tal-applikazzjoni għal dak iċ-ċertifikat.

Or. el

Emenda 2132
Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-applikant ikun ipprovda dikjarazzjoni bil-miktub li tiddikjara li ma jkunx wettaq ksur serju kif previst fl-Artikolu 44 ***fit-3 snin*** ta' qabel id-data tal-applikazzjoni għal dak iċ-ċertifikat.	(b) l-applikant ikun ipprovda dikjarazzjoni bil-miktub li tiddikjara li ma jkunx wettaq ksur serju kif previst fl-Artikolu 44 ***fis-6 xhur*** ta' qabel id-data tal-applikazzjoni għal dak iċ-ċertifikat.

Or. ro

Emenda 2133
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-applikant ikun ipprovda dikjarazzjoni bil-miktub li tiddikjara li ma ***jkunx*** wettaq ksur ***serju*** kif previst fl-Artikolu 44 ***fit-3 snin ta'*** qabel ***id-data tal-applikazzjoni*** għal dak iċ-ċertifikat.	(b) l-applikant ikun ipprovda dikjarazzjoni bil-miktub li tiddikjara li ***qatt*** ma wettaq ksur kif previst fl-Artikolu 44 ***fi kwalunkwe żmien*** qabel ***l-applikazzjoni*** għal dak iċ-ċertifikat.

Or. en

Emenda 2134
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità kompetenti ma għandhiex tagħti ċ-ċertifikat ta' kompetenza jekk awtorità kompetenti oħra tkun ipprojbiet lill-applikant milli jimmaniġġja l-annimali.	2. L-awtorità kompetenti ma għandhiex tagħti ċ-ċertifikat ta' kompetenza jekk awtorità kompetenti oħra tkun ipprojbiet ***b'ġustifikazzjoni xierqa*** lill-applikant milli jimmaniġġja l-annimali.

Or. en

Emenda 2135
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità kompetenti ma għandhiex tagħti ċ-ċertifikat ta' kompetenza jekk awtorità kompetenti oħra tkun ipprojbiet lill-applikant milli	2. L-awtorità kompetenti ma għandhiex tagħti ċ-ċertifikat ta' kompetenza jekk awtorità kompetenti oħra tkun ipprojbiet lill-applikant

jimmaniġġja l-annimali.	***b'ġustifikazzjoni xierqa*** milli jimmaniġġja l-annimali.

Or. en

Emenda 2136
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Iċ-ċertifikat ta' kompetenza għandu jinkludi l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsima 4 tal-Anness V. Dan għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn ***5*** snin mid-data tal-ħruġ.	3. Iċ-ċertifikat ta' kompetenza għandu jinkludi l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsima 4 tal-Anness V. Dan għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn ***3*** snin mid-data tal-ħruġ. ***Iċ-ċertifikat jista' jiġi estiż għal sentejn oħra jekk id-detentur jista' jagħti prova li ma kien soġġett għall-ebda sanzjoni amministrattiva jew ġudizzjarja marbuta mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 2137
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Iċ-ċertifikat ta' kompetenza għandu jinkludi l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsima 4 tal-Anness V. Dan għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn ***5*** snin mid-data tal-ħruġ.	3. Iċ-ċertifikat ta' kompetenza għandu jinkludi l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsima 4 tal-Anness V. Dan għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn ***sentejn*** mid-data tal-ħruġ. ***Iċ-ċertifikat jista' jiġi estiż għal sentejn oħra jekk id-detentur jista' jagħti prova li ma kien soġġett għall-ebda sanzjoni amministrattiva jew kriminali marbuta mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 2138
Philippe Olivier, Valérie Deloge, Julien Leonardelli, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Iċ-ċertifikat ta' kompetenza għandu jinkludi l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsima 4 tal-Anness V. Dan għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn ***5*** snin mid-data tal-ħruġ.	3. Iċ-ċertifikat ta' kompetenza għandu jinkludi l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsima 4 tal-Anness V. Dan għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn ***10*** snin mid-data tal-ħruġ.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-Artikolu 6 emendat.

Emenda 2139
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Iċ-ċertifikat ta' kompetenza għandu jinkludi l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsima 4 tal-Anness V. Dan għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn ***5*** snin mid-data tal-ħruġ.	3. Iċ-ċertifikat ta' kompetenza għandu jinkludi l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsima 4 tal-Anness V. Dan għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn *7* snin mid-data tal-ħruġ ***u jkun jista' jiġġedded***.

Or. en

Emenda 2140
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo

Díaz, Elena Nevado del Campo, Krzysztof Hetman, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Iċ-ċertifikat ta' kompetenza għandu jinkludi l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsima 4 tal-Anness V. Dan għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn ***5*** snin mid-data tal-ħruġ.	3. Iċ-ċertifikat ta' kompetenza għandu jinkludi l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsima 4 tal-Anness V. Dan għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn *7* snin mid-data tal-ħruġ***, u jista' jiġġedded***.

Or. en

Emenda 2141
Maria Noichl, Marianne Vind

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Iċ-ċertifikat ta' kompetenza għandu jinkludi l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsima 4 tal-Anness V. Dan għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn ***5*** snin mid-data tal-ħruġ.	3. Iċ-ċertifikat ta' kompetenza għandu jinkludi l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsima 4 tal-Anness V. Dan għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn ***sentejn*** mid-data tal-ħruġ ***iżda jkun jista' jiġġedded***.

Or. en

Emenda 2142
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Iċ-ċertifikat ta' kompetenza għandu jinkludi l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsima 4 tal-Anness V. Dan għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn 5 snin mid-data tal-ħruġ.	3. Iċ-ċertifikat ta' kompetenza għandu jinkludi l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsima 4 tal-Anness V. Dan għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn 5 snin mid-data tal-ħruġ ***u jkun jista'***

jiġġedded.

Or. en

Emenda 2143
Milan Mazurek

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Iċ-ċertifikat ta' kompetenza għandu jinkludi l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsima 4 tal-Anness V. Dan għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn ***5*** snin mid-data tal-ħruġ.	3. Iċ-ċertifikat ta' kompetenza għandu jinkludi l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsima 4 tal-Anness V. Dan għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn ***10*** snin mid-data tal-ħruġ.

Or. sk

Emenda 2144
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Iċ-ċertifikat ta' kompetenza għandu jinkludi l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsima 4 tal-Anness V. Dan għandu jkun validu għal perjodu ta' ***mhux aktar minn*** 5 snin mid-data tal-ħruġ.	3. Iċ-ċertifikat ta' kompetenza għandu jinkludi l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsima 4 tal-Anness V. Dan għandu jkun validu għal perjodu ta' 5 snin mid-data tal-ħruġ.

Or. en

Emenda 2145
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 38 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu l-kwalifiki miksubin għal għanijiet oħrajn bħala ekwivalenti għaċ-ċertifikati ta' kompetenza għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, dment li jkunu nkisbu f'kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'dan l-Artikolu. Permezz tal-Internet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu pubblikament disponibbli u jżommu aġġornata, lista ta' kwalifiki rikonoxxuti bħala ekwivalenti għaċ-ċertifikat ta' kompetenza.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2146
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu l-kwalifiki miksubin għal għanijiet oħrajn bħala ekwivalenti għaċ-ċertifikati ta' kompetenza għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, dment li jkunu nkisbu f'kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'dan l-Artikolu. Permezz tal-Internet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu pubblikament disponibbli u jżommu aġġornata, lista ta' kwalifiki rikonoxxuti bħala ekwivalenti għaċ-ċertifikat ta' kompetenza.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2147
Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirtiraw fi TRACES ċertifikat ta' kompetenza mogħti skont dan ir-Regolament meta l-persuna li jkollha dak iċ-ċertifikat ma tibqax turi kompetenza, għarfien jew sensibilizzazzjoni suffiċjenti dwar il-kompiti tagħha.	***imħassar***

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Għal vjaġġi fl-Istat Membru, TRACES ma għandhiex tkun obbligatorja.

Emenda 2148
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirtiraw fi TRACES ċertifikat ta' kompetenza mogħti skont dan ir-Regolament meta l-persuna li jkollha dak iċ-ċertifikat ma tibqax turi kompetenza, għarfien jew sensibilizzazzjoni suffiċjenti dwar il-kompiti tagħha.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2149
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament

Artikolu 38 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirtiraw fi TRACES ċertifikat ta' kompetenza mogħti skont dan ir-Regolament meta ***l-persuna li jkollha dak iċ-ċertifikat ma tibqax turi kompetenza, għarfien jew sensibilizzazzjoni suffiċjenti dwar il-kompiti tagħha***.	6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirtiraw fi TRACES ċertifikat ta' kompetenza mogħti skont dan ir-Regolament ***meta ċ-ċertifikat ikun skada u ma ġiex imġedded, jew meta ġie sospiż jew irtirat kif xieraq***.

Or. en

Emenda 2150
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirtiraw fi TRACES ċertifikat ta' kompetenza mogħti skont dan ir-Regolament meta l-persuna li jkollha dak iċ-ċertifikat ma tibqax turi kompetenza, għarfien jew sensibilizzazzjoni suffiċjenti dwar il-kompiti tagħha.	6 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirtiraw fi TRACES ċertifikat ta' kompetenza mogħti skont dan ir-Regolament meta l-persuna li jkollha dak iċ-ċertifikat ma tibqax turi kompetenza, għarfien jew sensibilizzazzjoni suffiċjenti dwar il-kompiti tagħha. ***Iċ-ċertifikati ta' kompetenza ta' dawk is-sewwieqa jew indokraturi li joperaw bejn pajjiżi differenti għandhom jiġu rreġistrati fi TRACES.***

Or. es

Emenda 2151
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtoritajiet kompetenti	6. L-awtoritajiet kompetenti

għandhom jirtiraw fi TRACES ċertifikat ta' kompetenza mogħti skont dan ir-Regolament meta l-persuna li jkollha dak iċ-ċertifikat ma tibqax turi kompetenza, għarfien jew sensibilizzazzjoni suffiċjenti dwar il-kompiti tagħha.	għandhom jirtiraw fi TRACES ċertifikat ta' kompetenza mogħti skont dan ir-Regolament meta l-persuna li jkollha dak iċ-ċertifikat ma tibqax turi kompetenza, għarfien jew sensibilizzazzjoni suffiċjenti dwar il-kompiti tagħha***, u għandhom jiżguraw li l-irtirar ikun notifikat awtomatikament lill-Istati Membri kollha permezz ta' TRACES***.

Or. el

Emenda 2152
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirtiraw fi TRACES ċertifikat ta' kompetenza mogħti skont dan ir-Regolament meta ***l-persuna*** li jkollha dak iċ-ċertifikat ma tibqax turi kompetenza, għarfien jew sensibilizzazzjoni suffiċjenti dwar il-kompiti tagħha.	6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirtiraw fi TRACES ċertifikat ta' kompetenza mogħti skont dan ir-Regolament meta ***d-data tal-validazzjoni tkun skadiet jew jekk il-persuna*** li jkollha dak iċ-ċertifikat ***wettqet ksur ta' dan ir-Regolament,*** ma tibqax turi kompetenza, għarfien jew sensibilizzazzjoni suffiċjenti dwar il-kompiti tagħha.

Or. en

Emenda 2153
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirtiraw fi TRACES ċertifikat ta' kompetenza mogħti skont dan ir-Regolament meta l-persuna li jkollha dak iċ-ċertifikat ma tibqax turi kompetenza,	6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirtiraw fi TRACES ċertifikat ta' kompetenza mogħti skont dan ir-Regolament meta l-persuna li jkollha dak iċ-ċertifikat ma tibqax turi kompetenza,

għarfien jew sensibilizzazzjoni suffiċjenti dwar il-kompiti tagħha.	għarfien jew sensibilizzazzjoni suffiċjenti dwar il-kompiti tagħha ***jew tkun wettqet ksur serju kif previst fl-Artikolu 44***.

Or. en

Emenda 2154
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirtiraw fi TRACES ċertifikat ta' kompetenza mogħti skont dan ir-Regolament meta l-persuna li jkollha dak iċ-ċertifikat ma tibqax turi kompetenza, għarfien jew sensibilizzazzjoni suffiċjenti dwar il-kompiti tagħha.	6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirtiraw fi TRACES ċertifikat ta' kompetenza mogħti skont dan ir-Regolament meta l-persuna li jkollha dak iċ-ċertifikat ma tibqax turi kompetenza, għarfien jew sensibilizzazzjoni suffiċjenti dwar il-kompiti tagħha ***u f'każ ta' ksur ta' dan ir-regolament***.

Or. en

Emenda 2155
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. L-Istati Membri jistgħu jitolbu lil Stat Membru ieħor, li fih ingħata ċ-ċertifikat ta' kompetenza validu kkonċernat, biex jirtira ċertifikat ta' kompetenza fi TRACES jekk is-sitwazzjoni deskritta fl-Artikolu 6 seħħet fl-Istat Membru tagħhom.

Or. en

Emenda 2156
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dežinjazzjoni tal-punti ta' ħruġ	Dežinjazzjoni tal-punti ta' ħruġ ***u rekwiżiti għal faċilitajiet adegwati fil-punti ta' ħruġ***

Or. en

Emenda 2157
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom:	***1.*** L-Istati Membri għandhom:

Or. en

Emenda 2158
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiddežinjaw il-punti ta' ħruġ li minnhom jista' jsir it-trasport ta' annimali lejn pajjiżi terzi;	(a) jiddežinjaw il-punti ta' ħruġ li minnhom jista' jsir it-trasport ta' annimali lejn pajjiżi terzi***, matul il-perjodu ta' tranżizzjoni ta' 18-il xahar***;

Or. en

Emenda 2159

Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jirreġistraw il-punti ta' ħruġ dežinjati fit-territorju tagħhom fi TRACES u jaġġornaw regolarment din l-informazzjoni.	(b) jirreġistraw il-punti ta' ħruġ dežinjati fit-territorju tagħhom fi TRACES u jaġġornaw regolarment din l-informazzjoni ***kull meta jkun meħtieġ u mingħajr dewmien bla bżonn***.

Or. en

Emenda 2160
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jirreġistraw il-punti ta' ħruġ dežinjati fit-territorju tagħhom fi TRACES u jaġġornaw ***regolarment*** din l-informazzjoni.	(b) jirreġistraw il-punti ta' ħruġ dežinjati fit-territorju tagħhom fi TRACES u jaġġornaw din l-informazzjoni ***kull meta jkun meħtieġ u mingħajr dewmien bla bżonn***.

Or. en

Emenda 2161
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprojbixxu l-użu ta' punti ta'

ħruġ meta jinstabu vjolazzjonijiet sistematiċi tal-benessri tal-annimali.

Or. el

Emenda 2162
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Minkejja r-rekwiżiti skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/372, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-faċilitajiet fil-punti ta' ħruġ ikollhom dawn li ġejjin:
	(a) tagħmir adegwat ta' tagħbija u ħatt, art ma tiżloqx, dawl adattat u kenn biex jiġu protetti l-annimali minn kundizzjonijiet tat-temp avversi;
	(b) dispożizzjonijiet għat-tmigħ, għat-tisqija u għas-serħan tal-annimali;
	(c) il-faċilitajiet għandu jkollhom żoni ta' iżolament għal annimali morda jew midruba, u jimplimentaw protokolli ta' tindif u diżinfezzjoni għall-vetturi u għaż-żoni ta' żamma.

Or. en

Emenda 2163
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli għall-pubbliku fi TRACES.	Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli għall-pubbliku fi TRACES ***u fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea***.

Or. en

Emenda 2164
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Spezzjoni ta' ***bastiment*** għall-ġarr tal-bhejjem ***waqt it-tagħbija u l-ħatt***	***Spezzjonijiet*** ta' ***bastimenti*** għall-ġarr tal-bhejjem***, bastimenti tal-kontejners u bastimenti roll-on-roll-off***

Or. en

Emenda 2165
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Qabel ma l-annimali jitgħabbew fuq bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, l-awtorità kompetenti għandha tispezzjona l-bastiment sabiex tivverifika b'mod partikolari li:	1. ***Sabiex tispezzjona kif xieraq il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem u twettaq b'mod adegwat il-kompiti meħtieġa kollha, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li huma previsti biżżejjed riżorsi.*** Qabel ma l-annimali jitgħabbew fuq bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, l-awtorità kompetenti għandha tispezzjona l-bastiment sabiex tivverifika b'mod partikolari li:

Or. en

Emenda 2166
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Qabel ma l-annimali jitgħabbew fuq bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, l-awtorità kompetenti għandha tispezzjona l-bastiment sabiex tivverifika b'mod partikolari li:	1. Qabel ma l-annimali jitgħabbew fuq bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, l-awtorità kompetenti ***tal-UE, li tkun tikkonsisti mill-inqas minn surveyor tal-baħar, tekniku tal-baħar u veterinarju uffiċjali indipendenti mit-trasportatur,*** għandha tispezzjona l-bastiment sabiex tivverifika b'mod partikolari li:

Or. en

Emenda 2167
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Qabel ma l-annimali jitgħabbew fuq bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, l-awtorità kompetenti għandha tispezzjona l-bastiment sabiex tivverifika b'mod partikolari li:	1. Qabel ma l-annimali jitgħabbew fuq bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, l-awtorità kompetenti***, li tkun tikkonsisti mill-inqas minn surveyor tal-baħar, tekniku tal-baħar u veterinarju,*** għandha tispezzjona l-bastiment sabiex tivverifika b'mod partikolari li:

Or. en

Emenda 2168
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Qabel ma l-annimali jitgħabbew fuq bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, l-awtorità kompetenti ***għandha tispezzjona l-bastiment*** sabiex ***tivverifika*** b'mod partikolari li:	1. Qabel ma l-annimali jitgħabbew fuq bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, l-awtorità kompetenti***, veterinarju jew uffiċjal tal-benesseri u tekniku għandhom jispezzjonaw il-bastiment*** sabiex ***jivverifikaw*** b'mod partikolari li:

Or. en

Emenda 2169
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tagħmir imsemmi fil-Kapitolu IV tal-Anness I ikunu għadhom f'kundizzjoni operattiva tajba;	(c) it-tagħmir imsemmi fil-Kapitolu IV tal-Anness I ikunu għadhom f'kundizzjoni operattiva tajba; ***il-bastiment ikun imnaddaf u diżinfettat kif xieraq;***

Or. en

Emenda 2170
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) il-bastiment ikun tnaddaf u ġie diżinfettat;

Or. en

Emenda 2171
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-klassifikazzjoni tal-profil tar-riskju tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem tkun ta' riskju standard jew riskju baxx skont il-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2172
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-klassifikazzjoni tal-profil tar-riskju tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem tkun ta' riskju standard jew riskju baxx skont il-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2173
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-klassifikazzjoni tal-profil tar-riskju tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem tkun ta' riskju standard jew riskju baxx skont il-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port.	(d) il-klassifikazzjoni tal-profil tar-riskju tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem tkun ta' riskju standard jew riskju baxx ***u l-ebda ksur preċedenti marbut mal-benessri tal-annimali ma jkun preżenti*** skont il-

	Memorandum ta’ Qbil ta’ Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port.

Or. el

Emenda 2174
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-klassifikazzjoni tal-profil tar-riskju tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem tkun ta’ ***riskju standard jew*** riskju baxx skont il-Memorandum ta’ Qbil ta’ Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port.	(d) il-klassifikazzjoni tal-profil tar-riskju tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem tkun ta’ riskju baxx skont il-Memorandum ta’ Qbil ta’ Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port.

Or. en

Emenda 2175
Tilly Metz, Thomas Waitz
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-klassifikazzjoni tal-profil tar-riskju tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem tkun ta’ ***riskju standard jew*** riskju baxx skont il-Memorandum ta’ Qbil ta’ Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port.	(d) il-klassifikazzjoni tal-profil tar-riskju tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem tkun ta’ riskju baxx skont il-Memorandum ta’ Qbil ta’ Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port.

Or. en

Emenda 2176
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) il-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem ma għandux aktar minn 5 snin, għandu sorveljanza bil-kamera abbord u huwa mgħammar b'sistema għall-kejl tat-temperatura, l-umdità u l-ammonijaka fuq il-gverti kollha fejn jinsabu l-annimali.

Or. en

Emenda 2177
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) il-kameras tas-CCTV, is-sistemi għall-kejl tat-temperatura u l-umdità abbord jiffunzjonaw kif xieraq;

Or. en

Emenda 2178
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Qabel ma l-annimali jitgħabbew fuq bastiment għall-ġarr tal-bhejjem jew jinħattu minnu, l-awtorità kompetenti ***għandha tispezzjona l-bastiment*** sabiex ***tivverifika*** li:	2. Qabel ma l-annimali jitgħabbew fuq bastiment għall-ġarr tal-bhejjem jew jinħattu minnu, l-awtorità kompetenti ***u veterinarju għandhom jispezzjonaw il-bastiment*** sabiex ***jivverifikaw*** li:

Or. en

Emenda 2179
Maria Noichl, Marianne Vind

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Qabel ma l-annimali jitgħabbew fuq bastiment għall-ġarr tal-bhejjem jew jinħattu minnu, l-awtorità kompetenti għandha ***tispezzjona l-bastiment sabiex*** tivverifika li:	2. Qabel ma l-annimali jitgħabbew fuq bastiment għall-ġarr tal-bhejjem jew jinħattu minnu, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika li:

Or. en

Emenda 2180
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-annimali jkunu idonei sabiex ikomplu l-vjaġġ;	(a) l-annimali jkunu idonei sabiex ikomplu l-vjaġġ***, f'konformità mal-Anness I, il-Kapitolu I***;

Or. en

Emenda 2181
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Qabel ma l-kontenituri li jżommu l-annimali jitgħabbew f'bastiment tal-kontejners, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika li l-klassifikazzjoni tal-profil ta' riskju tal-vapuri tal-bastiment hija ta' riskju baxx skont il-

Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port u li ikel u li jkun hemm ventilazzjoni adegwati f'konformità mal-Anness I, il-Kapitolu IV.

Or. en

Emenda 2182
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Wara l-ħatt mill-vettura tat-triq, l-annimali għandhom jitqiegħdu f'faċilità tal-port fejn l-awtorità kompetenti tista' tispezzjona kif xieraq l-idoneità tal-annimali.

Or. en

Emenda 2183
Maria Noichl, Marianne Vind

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Il-persuni involuti f'isem l-awtorità kompetenti li jispezzjonaw il-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem u jwettqu kompiti qabel u wara t-tagħbija għandhom jagħmlu rapport dwar kwalunkwe nuqqasijiet identifikati b'rabta mal-bastiment, l-idoneità tal-annimali jew l-operazzjonijiet ta' tagħbija/ħatt, u jibagħtu dak ir-rapport fi żmien xahar wara t-tlestija tal-vjaġġ lejn il-Kummissjoni tal-UE, u jkun pubblikament disponibbli fuq is-sit web tad-DĠ SANTE.

Or. en

Emenda 2184
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Qabel ma l-vetturi li jittrasportaw l-annimali jitgħabbew fuq bastiment ro-ro, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika li l-klassifikazzjoni tal-profil ta' riskju tal-vapuri tal-bastiment hija ta' riskju baxx skont il-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port.

Or. en

Emenda 2185
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 40a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 40a
	Il-miżuri fil-każ ta' temp eċċezzjonalment ħażin
	1. Meta l-awtoritajiet kompetenti dežinjati mill-Istati Membri jqisu li s-sikurezza jew il-benesseri tal-annimali li qegħdin jiġu ttrasportati minn bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, bastiment tal-kontejners jew bastiment ro-ro huwa f'riskju:
	(a) għandhom jinformaw lill-kaptan ta' vapur li qiegħed jittrasporta l-annimali li huwa fiż-żona tal-port ikkonċernata, u li beħsiebu jitlaq mill-port, bl-istat tal-baħar

u bil-kundizzjonijiet tat-temp u, meta jkun rilevanti u possibbli, bil-periklu li dawn jistgħu jippreżentaw għall-annimali;

(b) għandhom jipprojbixxu lill-vapur milli jitlaq mill-port fiż-żoni affettwati jekk il-forza tar-riħ tkun forza 6 jew aktar fuq l-iskala Beaufort, u sakemm ikun ġie stabbilit li ma għadx hemm riskju għas-sikurezza jew għall-benesseri tal-annimali.

2. Il-projbizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ibbażata fuq stat tal-baħar u tbassir tat-temp ipprovduti minn servizz ta' informazzjoni meteoroloġika kwalifikat rikonoxxut mill-Istat Membru.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test jallinja mal-Artikolu 18 tad-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2022 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u jiżgura li l-bastimenti ma jiżbarkawx minn portijiet meta jkun hemm temp eċċezzjonalment ħażin.

Emenda 2186
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-għoti ta' assistenza reċiproka sabiex tiġi ffaċilitata applikazzjoni bla xkiel ta' dan ir-Regolament, inkluż id-dewmien fit-trasport jew ir-rifjut ta' kunsinni minn pajjiżi terzi ta' annimali ttrasportati bit-triq, bil-ferrovija jew bil-bastiment;	(a) l-għoti ta' assistenza reċiproka sabiex tiġi ffaċilitata applikazzjoni bla xkiel ta' dan ir-Regolament, inkluż id-dewmien fit-trasport jew ir-rifjut ta' kunsinni minn pajjiżi terzi ta' annimali ttrasportati bit-triq, bil-ferrovija jew bil-bastiment***: Jekk il-kunsinni jiġu miċħuda, il-korpi ta' kollegament għandhom jiżguraw li l-annimali jiġu rritornati minnufih fl-UE u li jiġu pprovduti biżżejjed ikel, ilma u meta xieraq jitħattu biex ikunu jistgħu jistrieħu u jiċċaqalqu,***

u fil-każ ta' mard serju, li l-annimali affettwati jiġu skarnati mingħajr dewmien;

Or. en

Emenda 2187
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-għoti ta' assistenza reċiproka sabiex tiġi ffaċilitata applikazzjoni bla xkiel ta' dan ir-Regolament, inkluż id-dewmien fit-trasport ***jew ir-rifjut*** ta' kunsinni minn pajjiżi terzi ta' annimali ttrasportati bit-triq, bil-ferrovija jew bil-bastiment;	(a) l-għoti ta' assistenza reċiproka sabiex tiġi ffaċilitata applikazzjoni bla xkiel ta' dan ir-Regolament, inkluż id-dewmien fit-trasport ***u r-rifjut*** ta' kunsinni minn pajjiżi terzi ta' annimali ttrasportati bit-triq, bil-ferrovija***, bl-ajru*** jew bil-bastiment***, u jekk dan ikun il-każ, il-korpi ta' kollegament għandhom jiżguraw li l-annimali jistgħu jiġu importati mill-ġdid fl-UE malajr kemm jista' jkun, fi żmien 48 siegħa, filwaqt li jiġi żgurat li l-annimali jingħataw ikel u xorb u tingħatalhom kura tajba***;

Or. en

Emenda 2188
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-għoti ta' assistenza reċiproka sabiex tiġi ffaċilitata applikazzjoni bla xkiel ta' dan ir-Regolament, inkluż id-dewmien fit-trasport jew ir-rifjut ta' kunsinni minn pajjiżi terzi ta' annimali ttrasportati bit-triq, bil-ferrovija jew bil-bastiment;	(a) l-għoti ta' assistenza reċiproka sabiex tiġi ffaċilitata applikazzjoni bla xkiel ta' dan ir-Regolament, inkluż id-dewmien fit-trasport jew ir-rifjut ta' kunsinni minn pajjiżi terzi ta' annimali ttrasportati bit-triq, bil-ferrovija jew bil-bastiment ***u r-ritorn tal-annimali fl-UE***

meta jkun possibbli f'każ ta' rifjut;

Or. en

Emenda 2189
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) il-faċilitazzjoni ta' kuntatt għas-servizzi veterinarji, alloġġ ta' emerġenza disponibbli jew servizzi esperti oħra;

Or. en

Emenda 2190
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 42	***imħassar***
Miżuri u sanzjonijiet sabiex tiġi żgurata l-konformità	
Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/625, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar miżuri u sanzjonijiet kontra l-persuna fiżika li tkun wettqet ksur ta' dan ir-Regolament, jew il-persuna ġuridika miżmuma responsabbli għalih. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom sistematikament:	
(a) jinvestigaw ksur suspettat sabiex jikkonfermaw jew jeliminaw is-suspett;	
(b) jieħdu miżuri xierqa, meta jiġi identifikat ksur, inkluż sabiex jintemm il-ksur; u	

(c) japplikaw sanzjonijiet f'konformità ma' dan il-Kapitolu u mar-Regolament (UE) 2017/625 kontra l-persuna fiżika li tkun wettqet jew il-persuna ġuridika miżmuma responsabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament.

Or. fr

Emenda 2191
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/625, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar miżuri u sanzjonijiet kontra l-persuna fiżika li tkun wettqet ksur ta' dan ir-Regolament, jew il-persuna ġuridika miżmuma responsabbli għalih. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom sistematikament:	***L-UE għandha tistabbilixxi sistema ta' sanzjonijiet armonizzata fil-forma ta' grilja jew skema ta' ksur, li tistabbilixxi multi u azzjonijiet proporzjonati għal kull kategorija ta' ksur, inkluż iżda mhux limitat għal: annimali mhux b'saħħithom, midruba jew li qegħdin ibatu, nuqqas ta' ilma, xorb jew marqad; iffullar, u mezzi tat-trasport mhux xierqa.*** Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/625***, f'din is-sistema ta' sanzjonijiet armonizzata***, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar miżuri u sanzjonijiet kontra l-persuna fiżika li tkun wettqet ksur ta' dan ir-Regolament, jew il-persuna ġuridika miżmuma responsabbli għalih. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom sistematikament:

Or. en

Emenda 2192
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/625, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar miżuri u sanzjonijiet kontra l-persuna fiżika li tkun wettqet ksur ta' dan ir-Regolament, jew il-persuna ġuridika miżmuma responsabbli għalih. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom sistematikament:	Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/625, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar miżuri u sanzjonijiet kontra l-persuna fiżika li tkun wettqet ksur ta' dan ir-Regolament, jew il-persuna ġuridika miżmuma responsabbli għalih. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom sistematikament ***u mingħajr dewmien bla bżonn***:

Or. en

Emenda 2193
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jieħdu miżuri xierqa, meta jiġi identifikat ksur, inkluż sabiex jintemm il-ksur; ***kif ukoll***	(b) jieħdu miżuri xierqa, meta jiġi identifikat ksur, inkluż sabiex jintemm il-ksur ***immedjatament***;

Or. en

Emenda 2194
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jieħdu miżuri xierqa, meta jiġi identifikat ksur, inkluż sabiex jintemm il-ksur; kif ukoll	(b) jieħdu miżuri xierqa***, effettivi u proporzjonati***, meta jiġi identifikat ksur, inkluż sabiex jintemm il-ksur; kif ukoll

Or. en

Emenda 2195
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jirrapportaw kull sena lill-Kummissjoni u lill-pubbliku dwar il-ksur suspettat u kkonfermat u s-sanzjonijiet imposti.

Or. en

Emenda 2196
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull ksur ikkonfermat jiġi rreġistrat fi TRACES u nnotifikat lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra meta l-organizzatur jew it-trasportatur ikun attiv f'aktar minn Stat Membru wieħed.

Or. el

Emenda 2197
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Herbert Dorfmann, Krzysztof Hetman, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 43	***imħassar***

Sanzjonijiet għall-ksur ta' dan ir-Regolament

1. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/625, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna fiżika li tkun wettqet jew persuna ġuridika miżmuma responsabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament tkun soġġetta għal sanzjonijiet amministrattivi f'konformità ma' dan ir-Regolament, u mad-dritt nazzjonali. Inkella, l-Istati Membri jistgħu japplikaw sanzjonijiet kriminali.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sanzjonijiet applikati f'konformità ma' dan ir-Regolament u mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt nazzjonali jkunu proporzjonati għas-serjetà tal-ksur u adegwati fis-severità sabiex jiġi ppenalizzat u skoraġġut b'mod effettiv ksur ulterjuri.

3. Meta jiddeterminaw is-sanzjonijiet, inkluż meta jistabbilixxu l-ammont ta' penali finanzjarji f'konformità mal-paragrafu 5, l-Istati Membri għandhom iqisu n-natura, il-gravità u l-firxa tal-ksur, inkluża l-ħsara għall-benesseri tal-annimali kkonċernati, in-numru, it-tip, l-età jew il-vulnerabbiltà tagħhom, id-durata tal-ksur, ir-ripetizzjoni tiegħu, u l-akkumulazzjoni ta' ksur simultanju u jekk il-ksur twettaqx deliberatament jew b'negliġenza.

4. Dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala ċirkostanzi aggravanti:

(a) ksur imwettaq permezz ta' prattiki frawdolenti jew qarrieqa, jew bl-użu ta' dokumenti/ċertifikati li jkunu ffalsifikati jew magħrufin bħala invalidi;

(b) dikjarazzjonijiet foloz jew qarrieqa b'mod deliberat fil-ġurnali tal-vjaġġ.

5.

Fil-każ ta' ksur serju, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ksur serju jkun punibbli b'penali finanzjarja

amministrattiva li l-minimu tagħha għandu jkun tal-anqas daqs il-valur tal-kunsinna. Fil-każ ta' ksur serju ripetut f'perjodu ta' 3 snin, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ksur serju jkun punibbli b'penali finanzjarji amministrattivi, li l-minimu tagħhom għandu jkun tal-anqas id-doppju tal-valur tal-kunsinna.

L-Istati Membri jistgħu jqisu s-sitwazzjoni ekonomika tal-persuna fiżika li tkun wettqet il-ksur jew il-persuna ġuridika miżmuma responsabbli għall-ksur sabiex jiżguraw id-deterrenza tas-sanzjonijiet. Għal dak l-għan, l-Istati Membri jistgħu, f'konformità mad-dritt nazzjonali, japplikaw sistema li biha tiġi imposta penali finanzjarja li tiġi kkalkolata bħala perċentwal tal-fatturat tal-operatur li jinżamm responsabbli għall-ksur.

Or. en

Emenda 2198
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
